NEWSPAPER POST



# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

LULJU – AWWISSU 2010

Nru 175

# SAN ĠORĠ TA' GĦAWDEX
# IL-FESTA TA' L-OMM U L-OMM TAL-FESTI



Pjazza Ġużè Debono
L-Imsida MSD 1252
Malta

**festa SAN ĠORĠ 2010** *speċjali*









Il-programm-ktejjeb tal-festa ta' San Ġorġ 2010, maħruġ mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Bażilika ta' San Ġorġ bil-kollaborazzjoni tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, hu kull sena ripetizzjoni li ma ddejqekx ta' l-aqwa kollezzjoni ta' ċelebrazzjonijiet li tista' ssib fil-festa Għawdxija. Il-festa ta' "omm il-parroċċi tal-gżira", kif naqraw fl-ewwel faċċata tal-ktejjeb mill-aktar preżentabbli, hi wkoll "omm il-festi Għawdxin", mhux biss għax fl-istorja kienet mudell bl-inizjattivi li ħadu l-organizzaturi tagħha u mbagħad ġew applikati minn parroċċi oħra – għax, kif jgħidu, it-tajjeb tista' biss tikkupjah! –, imma għax żammet sal-lum dan il-post ipprivileġġjat fost il-festi l-oħra tal-gżira. U jewwilla jista' jixraqlu inqas il-Patrun maħbub tal-gżira tagħna.

**Din is-sena f'*Il-Belt Victoria* għażilna li ndewqukom ftit mill-ġdid il-benna ta' dawn il-jiem sbieħ li għexna lejn tmiem Ġunju u fil-bidu ta' Lulju, billi niffukaw fuq xi *kelmiet* li jiftħu ktieb sħiħ ta' memorji Ġorġjani...**

» iktar dettalji fuq Festa San Ġorġ 2010 paġni 10-13,24
» mid-djarju tal-festa ta' din is-sena paġni 21-23
» kummentarju fuq il-fid fil-festi tagħna paġni 4-5

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 2155 6377, fax: 2155 6981 email: info@ilbeltvictoria.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Issa li għaddiet il-festa...

Malli fetaħ Lulju l-attenzjoni ta' ħafna daret fuq il-festa ta' San Ġorġ: min għelbitu l-kurżità, min mexxewh riġlejh u min iggwidatu qalbu! Li hu żgur hu li l-festa, bħal kull sena, ġabret u ġibdet lejn il-qalba tal-gżira mases kbar ta' nies minn kull rokna tas-soċjetà.

Attendejna bi ħġarna għall-funzjonijiet liturġiċi mimlija kulur u kwalità, smajna b'attenzjoni u ħeġġa tliet priedki mill-isbaħ fuq il-Patrun San Ġorġ minn Mons. George Bezzina, iggustajna l-mużika tant sabiħa li tiġi esegwita waqt il-festa, isseħibna – ta' l-inqas fl-ispirtu – ma' eluf ta' żgħażagħ jiċċelebraw man-noti tal-Banda Ċittadina *La Stella*, ċapċapna lil San Ġorġ hekk kif ix-xbieha tiegħu xirfet fil-bieb tal-bażilika, u min jaf kemm ġarrabna aktar mumenti minn dawn li ser nibqgħu niftakru. Il-paġni ta' din il-ħarġa ta' *Il-Belt Victoria* wkoll qed jiġbru fihom tifkira ħajja ta' dawn il-jiem tal-festa ta' din is-sena.

Imma x'sa jibqa' fina minn din il-festa? Tgħallimna xi ħaġa aktar fuq il-qaddis maħbub tagħna San Ġorġ? Ersaqna lejn il-knisja u ħadna sehem? Jalla nibqgħu niftakru din il-festa għax kbirna aktar fl-għarfien tagħna ta' min hu San Ġorġ, dan il-Patrun kbir ta' Għawdex, għalina. Għall-grazzja ta' Alla kellna predikaturi li tkellmu tant tajjeb fuq il-qaddis tagħna u qegħduhulna bħala mudell għall-ħajja Kristjana tagħna.

Bħal kull sena, ma nistgħux ma nesprimux ir-radd ta' ħajr lill-Ġorġjani kollha li b'xi mod jew ieħor, ħafna drabi b'mod volontarju, taw is-sehem tagħhom f'din il-festa. Għal darb'oħra, bħas-snin ta' qabel, il-festa ġabret magħha nukleu ta' nies li bil-ħidma u l-imħabba Ġorġjana tagħhom offrew lil kull min ingħaqad magħna ċelebrazzjoni patrunali li diffiċli terġa' tara bħalha hawn Għawdex din is-sena, jekk mhux f'Lulju tas-sena d-dieħla. Dan għaliex il-festa ta' San Ġorġ hija u tibqa' *benchmark* għal festi oħrajn. Kemm tgħid sew l-iskrizzjoni li kulħadd jgħaddi minn fuqha hu u dieħel mill-bieb il-kbir fil-bażilika Ġorġjana... *"Mater et Magistra"*: l-Omm u l-Għalliema! Dan m'hux titlu imma servizz, f'isem il-Knisja, lill-komunità Kristjana tal-gżira...

L-Università ta' Malta

### IL-BELT VICTORIA — GĦINUNA BID-DONAZZJONI TAGĦKOM

Grazzi lil Louis Said (l-Awstralja) – A$50; Frank Spiteri (l-Istati Uniti) – €20

### KRONAKA PARROKKJALI

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

29/06/2010 **Melody**, bint Melissa Portelli u Marvin Cauchi
09/07/2010 **Eve**, bint Mark Sagona u Charmaine Cremona
10/07/2010 **Leah**, bint Romina Grech u Josef Camilleri
18/07/2010 **Taisiya Raine**, bint Peter Pace u Anastasia Ponyatovaskaya
20/07/2010 **Kristina**, bint Anthony Zammit u Amy Attard

*Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

03/07/2010 **George Sam Mizzi u Dorothy Pisani**
09/07/2010 **George Mercieca u Maria Tabone**
10/07/2010 **Noel Micallef u Lorraine Muscat**
23/07/2010 **Elaine Tewma u Glenn Marc Cefai**
31/07/2010 **Georgette Rita Thewma u John Spiteri**
05/08/2010 **Mark Peter Duffy u Elaine Ann-Marie Looby**

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

05/07/2010 **Ġużeppi Cefai**
09/07/2010 **M'Rosa Mizzi**
01/08/2010 **Georgina Xuereb**

Il-Belt Victoria hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.



BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Neville Galea, George Francis Vella, Antoine Vassallo.
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Teddy Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Pawlu Cardona*

cardonapaul@gmail.com



## It-tieni rwol tas-saċerdot: "iqaddes"

Għeżież membri tal-parroċċa tagħna u qarrejja ta' *Il-Belt Victoria*, insellmilkom.

Fil-ħarġa ta' Marzu-April 2010 qsamt magħkom ftit riflessjonijiet fuq l-ewwel rwol li għandhom is-saċerdoti: dak li *jgħallmu*. Il-lum nixtieq nieqaf magħkom fuq it-tieni rwol li għandu s-saċerdot: dak li *jqaddes* lill-bnedmin, speċjalment permezz tas-sagramenti u l-kult tal-Knisja.

Jeħtieġ imma nsaqsu lilna nfusna x'nifhmu meta ngħidu "qaddis". "Qaddis" hija kwalità speċifika tan-natura ta' Alla, verità assoluta, tjubija u mħabba. Tqaddes persuna jfisser iddaħħalha f'relazzjoni ma' Alla, man-natura tiegħu ta' dawl, verità u mħabba safja. Dan ifisser li din ir-relazzjoni tbiddel lill-persuna.

Fit-Testment il-Qadim kien hemm din il-konvinzjoni: ħadd ma seta' jara lil Alla mingħajr ma jmut sobtu. Kbira ħafna hija l-qawwa tal-verità u tad-dawl tiegħu! Min-naħa l-oħra kien hemm ukoll konvinzjoni oħra: il-bniedem ma jistax jgħix mingħajr l-ebda kuntatt ma' Alla.

Il-mistoqsija tiġi spontanja: Kif jista' l-bniedem jidħol f'kuntatt ma' Alla – li hija ħaġa fundamentali – mingħajr ma jmut quddiem dan il-kobor ta' verità, tjubija u mħabba divina? Il-fidi tal-Knisja tgħallimna li hu Alla nnifsu li joħloq dan il-kuntatt, li jibdilna bil-mod il-mod fix-xbieha vera ta' Alla.

Dan hu r-rwol speċifiku tas-saċerdot: dak li "jqaddes". Ħadd, l-ebda bniedem, m'hu kapaċi, bil-qawwa tiegħu biss, joħloq dan il-kuntatt ma' Alla. Parti essenzjali mill-grazzja tas-saċerdozju hija propju dan id-don, li jkun kapaċi li joħloq dan il-kuntatt. Dan jitwettaq permezz tat-tħabbira tal-Kelma ta' Alla, li hija għajn ta' dawl għalina. Jitwettaq ukoll b'mod partikolari permezz tas-sagramenti. Bil-Magħmudija niġu mdaħħla fil-Misteru ta' l-Għid, fil-mewt u l-Qawmien ta' Kristu; u tiġi msaħħa fina permezz tal-Griżma u tar-Rikonċiljazzjoni; immantnu lilna nfusna bl-Ewkaristija, sagrament li jibni l-Knisja bħala Poplu ta' Alla, Ġisem ta' Kristu, Tempju ta' l-Ispirtu s-Santu (ara l-Eżortazzjoni appostolika *Pastores gregis*, 32). Fi kliem ieħor, hu Kristu nnifsu li jqaddisna u jiġbidna fir-realtà ta' Alla. Frott tal-ħniena infinita tiegħu jsejjaħ uħud biex "jibqgħu" miegħu (ara Mk 3:14) u jieħdu sehem, permezz tas-sagrament ta' l-Ordni, fl-istess saċerdozju tiegħu, isiru ministri tal-qdusija, iqassmu l-misteri tiegħu, isiru "pont" fil-laqgħa tagħhom miegħu, u fil-medjazzjoni tiegħu bejn Alla u l-bnedmin u bejn il-bnedmin u Alla (ara *PG* 5).

F'dawn l-aħħar snin kien hemm min ipprova jagħti aktar importanza, fl-identità u fil-missjoni tas-saċerdot, lid-dimensjoni tax-xandir tal-Kelma, u riedu jpoġġu fil-ġenb id-dimensjoni tal-qdusija; ta' spiss kienet issir kritika għal pastorali sagramentali. Hu possibbli li ngħixu l-ministeru saċerdotali billi npoġġu fil-ġenb il-pastorali sagramentali? X'ifisser għas-saċerdoti tevanġelizza? Fiex jikkonsisti l-primat tax-xandir tal-Kelma? Kif insibu fil-Vanġelu, Ġesù jafferma li t-tħabbira tas-Saltna ta' Alla hija l-għan tal-missjoni tiegħu. Din it-tħabbira m'hix biss "diskors", "kliem", iżda tħaddan fl-istess ħin l-imġiba tiegħu. Is-sinjali u l-mirakli li Ġesù kien iwettaq juruna li s-Saltna ta' Alla hija preżenti u tidentifika ruħha mal-persuna ta' Kristu nnifsu, bl-għotja tiegħu nnifsu. Dan jgħodd ukoll għall-ministeru ta' l-Ordni: is-saċerdot, rappreżentant ta' Kristu, il-mibgħut tal-Missier, ikompli l-missjoni ta' Kristu, permezz "tal-Kelma" u "s-sagrament".

Tajjeb li nirriflettu u nsaqsu lilna nfusa jekk il-fatt li ġie mogħti anqas valur lir-rwol ta' qdusija fil-ministeru saċerdotali kienx kawża ta' nuqqas ta' fidi fl-effikaċja salvifika tas-sagramenti, u bħala konsegwenza fil-ħidma ta' Kristu u ta' l-Ispirtu tiegħu l-lum fil-Knisja u fid-dinja.

Min sa jaslva lid-dinja u lill-bniedem? L-unika tweġiba li nistgħu ngħtu hija din: Ġesù ta' Nazareth, il-Mulej u Kristu, l-imsallab li qam mill-imwiet. U fejn jitwettaq dan il-misteru tal-mewt u l-Qawmien ta' Kristu, li jwassal għas-salvazzjoni? Dan insibuh fl-azzjoni ta' Kristu permezz tal-Knisja, b'mod partikolari fis-sagrament ta' l-Ewkaristija, fejn hi preżenti u tiġi mwettqa l-offerta sagrifikali u ta' salvazzjoni ta' l-Iben ta' Alla; fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, li permezz tiegħu ngħaddu mill-mewt tad-dnub u nghaddu għal hajja ġdida; u f'kull att sagramentali ieħor li jqaddes (*PG* 5).

Kemm huwa importanti li lkoll kemm aħna – saċerdoti u lajċi – nirriflettu u nifhmu dejjem aktar fuq il-valur tas-sagramenti! Kif jgħallimna San Ġwann Marija Vianney, il-Kurat ta' Ars, aħna s-saċerdoti jeħtieġ li nkunu disponibbli, ġenerużi u attenti biex ngħtu fil-milja t-teżori tal-grazzja ta' Alla fdati f'idejna. Aħna m'aħniex "sidien", iżda biss dawk li nieħdu ħsieb u amministraturi ta' dawn il-grazzji. Fuq kollox f'dan iż-żmien, fejn min-naħa l-waħda l-fidi donnha qed tiddgħajjef u min-naha l-oħra jinhassu bżonn kbir u xewqa ta' spiritwalità, hu neċessarju li kull saċerdot jiftakar li fil-missjoni tiegħu l-Bxara t-Tajba u l-kult u s-sagramenti m'huma qatt mifruda minn xulxin u jmexxi 'l quddiem pastorali sagramentali serja, sabiex jifforma l-Poplu ta' Alla u jgħinu jgħix fil-milja l-liturġija, il-kult tal-Knisja, is-sagramenti bħala don gratuwitu ta' Alla, azzjonijiet ħielsa u effikaċi ta' salvazzjoni.

"Iċ-ċentru tal-kult tal-Knisja huwa s-sagrament. Meta ngħidu sagrament nifhmu l-ewwel nett li m'aħniex aħna l-bnedmin li nagħmlu xi ħaġa, iżda hu Alla li jieħu l-inizjattiva u jersaq lejna bl-imġiba tiegħu, iħares lejna u jressaqna lejh... Alla jmissna u jidħol f'kuntatt magħna permezz ta' ħwejjeġ materjali... li Hu jagħmel tiegħu, jinqeda bihom biex ikunu strumenti tal-laqgħa bejnietna u bejnu stess" (Beneditttu XVI, *Omelija*, 1 ta' April 2010). Din il-verità, li fis-sagrament "m'aħniex aħna l-bnedmin li nagħmlu xi ħaġa", tgħodd b'mod partikolari għall-

*jissokta f'paġna 6...*

# "Fidi murija fil-festi"

**Din il-ħarġa ta' *Il-Belt Victoria* qed taħbat ma' l-aqwa ta' l-istaġun tal-festi tas-Sajf fil-gżira ta' Għawdex, bil-festa prinċipali ta' San Ġorġ għadha kemm għaddiet u b'dik ta' Santa Marija fuq l-għatba...** Antoine Vassallo **jaqsam magħkom il-qarrejja xi riflessjonijiet fuq il-festi tagħna.**

Dawn it-tliet kelmiet laqtuni ferm fuq il-Fosos. Iva, veru ħadt gost nisma' lill-Papa jgħid: "Ebda viżitatur f'Malta m'għandu jonqos li jkun impressjonat bid-devozzjoni tal-poplu tagħkom, il-fidi vibranti murija fiċ-ċelebrazzjonijiet nhar il-festi tagħkom, is-sbuħija tal-knejjes u s-santwarji tagħkom". Propjament din hi t-traduzzjoni uffiċjali, għax l-omelija qraha bl-Ingliż: *"No visitor to Malta could fail to be impressed by the devotion of your people, the vibrant faith manifested in your feast-day celebrations, the beauty of your churches and shrines".* Din is-sentenza laqtitni b'mod partikulari għal diversi raġunijiet.

L-ewwel nett għax ilni nemmen li ċ-ċelebrazzjonijiet huma mezz mill-iktar effettiv biex nevanġelizzaw; biex inxandru l-Vanġelu lil min għadu ma semgħux, lil min insieh u lil min fehmu ħażin. Kif kompla, "dak ir-rigal jeħtieġ li jinqasam ma' oħrajn" (*"that gift needs to be shared with others"*). Sintendi rridu noqogħdu attenti – organizzaturi u parteċipanti – li l-messaġġ inwassluh korrett! Irridu nagħmlu l-affarijiet bis-serjetà, u ma nittollerawx "żbalji". Għax sfortunatament ma jonqsux okkażjonijiet meta t-"tagħlim" jasal bil-maqlub!

Bla sens ta' ftaħir barra minn loku, aħna San Ġorġ għandna tradizzjoni mill-iktar eżemplari f'dan kollu. Bla bżonn li mmur lura s-sekli, il-parti l-kbira tal-karatteristiċi tal-festa Għawdxija ħarġu minn hawn... u għadna nimmiraw fl-għoli sewwa! Dawn l-inizjattivi u ideat intwerew li huma pożittivi u allura ġew imitati, u b'hekk l-effetti sbieħ komplew jespandu. F'dawn l-aħħar snin, barra li kkonfermajna l-aspetti "stabbli", enfasizzajna iktar il-kultura (ngħidu aħna, bil-*Victoria International Arts Festival*) u l-aspett ekumeniku (ma' l-Anglikani u l-Ortodossi).

Dan id-diskors niżilli għasel, għax hekk kellna dikjarazzjoni "uffiċjali" li m'għandniex inkunu kontra l-festi, kontra t-tradizzjonijiet li writna. Kien hemm bżonnha, għax ta' spiss qed nisimgħu kummenti mill-iktar negattivi u kritiċi kontra l-festi: bl-iskuża ta' aspetti li oġġettivament huma ħżiena, jintafa' kollox fl-istess keffa. M'hemmx għalfejn ngħid li dan m'hux sewwa, u jinkwetani li donna ma nirribattux biżżejjed. Għax jista' jkun li għandna fostna min kuntent li tiżdied mentalità kontra l-festi, bit-tama li jinqerdu; b'hekk jonqos aspett tar-reliġjożità popolari, u jkun hemm il-possibbiltà li tinħoloq xi ħaġa oħra li forsi jiggwadanja iktar minnha!

Meta l-Arċidjoċesi ta' Malta ħarġet id-dokument konsultattiv *Nirrestawraw il-Festi Flimkien* is-sena l-oħra, il-Kulleġġ tal-Kappillani Maltin ħass li kellu jiċċara li "jagħraf u japprezza l-valur tal-festi", u żiedu li "ma jistgħux ikunu kontra l-festi meta dawn jirriflettu u jgħinu l-mixja Nisranija tal-parroċċi". Saħansitra użaw ittra kapitali! Kienu ovvjament inkwetati b'żewġ forzi opposti: ir-rispons esaġerat u irraġonevoli ta' xi wħud tant ingħata prominenza li seta' wassal l-impressjoni li l-Knisja trid teliminahom! Komplew li "l-Knisja responsabbli għall-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-festa sħiħa, fil-knisja u barra l-knisja, b'koperazzjoni sħiħa ta' l-Awtoritajiet Ċivili



u ta' kull min iħobb il-festi Nsara ċċelebrati b'mod Nisrani u ċivili".

Fil-preżentazzjoni tad-dokument, l-Arċisqof irrefera għal dawk li "għandhom għal qalbhom il-festa bħala parti mill-fidi tagħhom: jieħdu sehem attiv fil-Knisja, huma mmotivati mill-Evanġelju, jinteressahom li l-festa tagħhom tkun tixraq b'mod spiritwali lil dak li l-festa tkun tirrappreżenta", u kompla li "festa... trid tkun tidħol ukoll fir-realtà tal-Knisja... u skond dak li... verament jagħti ġieħ lil Alla u l-qaddisin tiegħu". U rringrazzja lil dawk li "jagħmlu sforzi biex il-festi tagħna jkunu "totalment Insara".

Sintendi l-problemi f'Malta huma differenti minn dawk fi gżiritna: jekk xejn, ma jeżistux fostna parroċċi fejn hemm demm ħażin bejn baned u "partiti" kompetituri, bejn festi titulari u sekondarji; għalkemm donnu x-Xitan għamel attentati wkoll! Iżda d-dokument xorta jista' jipprovdilna xi tagħlima jew twissija.

Ma tantx għandi spazju ħlief biex nikkwota xi żewġ punti li nħosshom essenzjali, għax lili jinkwetawni l-esaġerazzjonijiet (ngħidu aħna, fl-isparar, fejn ma tantx jingħata kas ta' l-anzjani u l-morda, u ta' min ikollu bżonn il-mistrieħ) u l-abbuż (l-iktar f'ċertu "briju", jew tbaħrid):

- m'għandu jkun hemm l-ebda spirtu ta' pika;
- l-enfasi għandha tkun fuq kwalità aħjar;
- ċelebrazzjonijiet li jsiru fuq barra għandhom ikunu t-tkomplija ta' dak iċċelebrat fid-dar ta'Alla;
- l-ambjent li għandu jinħoloq u l-inizjattivi li jittieħdu jridu jirriflettu l-esperjenza Nisranija li qed jgħixu l-Insara fil-ħajja tagħhom bħala komunità;
- fil-limiti tal-parroċċa ma jkunux jistgħu jsiru attivitajiet esterni oħra barra dawk organizzati mill-Awtoritajiet tal-Knisja li huma responsabbli għall-organizazzjoni tal-festa; il-festi, inkluż l-aspett estern, huma kompetenza biss ta' l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi;
- huma pprojbiti marċi, innijiet u kanzunetti li fihom kant ta' disprezz jew ta' pika.

M'hemmx għalfejn nisħaq wisq li dawn il-punti u twissijiet kienu fost regolamenti li ħarġu fid-djoċesi Ghawdxija matul il-snin, u nkun qiegħed nirrepeti jekk noqgħod nikkwotahom; jista' jkun li ma tantx jissemmew, iżda hemm għadhom! Anzi nżid mistoqsija retorika: Jista' jkun hemm xi ħadd b'intenzjoni tajba li ma jaqbilx magħhom?

Allura nittama bis-sħiħ – u f'dan żgur m'iniex waħdi – li l-awtoritajiet ma jippermettux abbużi! Forsi l-iktar sagħtejn "perikolużi" jikkonsistu fil-marċ "ta' fil-għodu". Kif jinkwieta d-dokument li qiegħed nikkwota minnu, dan "ta' preokkupazzjoni kbira għall-Knisja kemm fuq l-aspett soċjali, bl-imġiba ta' dawk li jieħdu sehem, u kemm fl-aspett reliġjuż". Isemmi saħansitra li jkollha tasal "deċiżjoni li ma tħallihomx parti integrali mill-jiem tal-festa"! U joffri restrizzjoni li, meta ma jistax ma jersaqx lejn periferija ta' parroċċi ġirien jew quddiem is-sede ta' każin ieħor, "il-banda għandha tibqa' għaddejja... bla ma tieqaf, ukoll jekk jinzerta jkun spiċċa d-daqq tal-marċ".

Naħseb li ħafna minna nafu li fit-tielet Ħadd ta' Lulju hemm ħafna li jaraw li l-affarijiet jimxu sew! Sfortunatament għadu ma sarx l-istess għal xahar wara! M'hux il-każ li nidħol fid-dettalji, għax m'aħniex nitkellmu fuq aġir fis-satra tal-lejl! Jien stess kont fost diversi li użajna bosta mezzi biex inwasslu l-uġigħ ta' inġustizzja li nħossu, biex ma nużax kliem iktar iebes (li, għall-imħatra, joqgħod ukoll). Anzi, inżid li jweġġgħu anki lil min m'hux mill-parroċċa tagħna! Minkejja wegħdiet, is-sitwazzjoni tkompliet b'toni Kafkeski; donnu min qiegħed fl-għoli m'hux veru inkwetat li dħalna f'sitwazzjoni li nista' niddeskriviha *"catch 22"*! Allura nazzarda naddatta l-aħħar silta: "Ħolqien ta' ambjent mhux xieraq għaċ-ċelebrazzjoni Nisranija tal-festi *għandu* jwassal biex titħassar il-festa reliġjuża". Ma nixtiqux dan; imma hemm xi soluzzjoni raġunata u raġonevoli oħra?!

*Ippermettuli nenfasizza li dan hu dak li naħseb jien personalment u bl-ebda mod m'għandu jinftiehem bħala l-opinjoni uffiċjali ta' xi organizzazjoni li nagħmel parti minnha!*





# Il-funeral ta' l-Arċipriet Alfons Marija Hili

Dun Ġużepp Gauci

**Wara dak li nkiteb minn Winston L. Zammit fuq il-mewt ta' Mons. Alfons M. Hili f'*Il-Belt Victoria* ta' Marzu-April 2010 (p. 9), ta' min iżid dan li ġej:**



Nhar it-2 ta' Jannar 1944 il-katavru ta' l-Arċipriet Alfons M. Hili ġie espost fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ u l-funeral tiegħu telaq minn hemm lejn il-Katidral. L-ewwel ritratt juri l-katavru qed jinġarr minn San Ġorġ, u ż-żewġ monsinjuri li qed jerfgħu l-faldrappa fuq quddiem huma Mons. Pawlu Cauchi u Mons. Mikiel Cefai. Il-parroċċa ta' San Ġorġ sellmet lil Mons. Hili b'tabelli ta' l-okkażjoni, filwaqt li l-bandisti tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* ħadu sehem fil-funeral bl-uniformi. Ħdejn il-*Banca Giuratale* l-funeral kellu jieqaf biex jistkenn minn ħalba xita.

Ir-ritratt l-ieħor juri l-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ armata għall-Quddiesa funebri f'għeluq ix-xahar (1 ta' Frar 1944) mill-mewt ta' Mons. Hili. Jidher it-tubru, it-tron ta' l-Isqof li ħa sehem fil-Quddiesa, u l-altar maġġur armat bil-gandlieri li jintużaw għall-festa ta' San Ġorġ.



...jaqbad minn paġna 3

## is-saċerdot huwa dejjem u biss "strument"...

kuxjenza saċerdotali: kull sacerdot jaf tajjeb li huwa strument neċessarju fl-imġiba ta' salvazzjoni ta' Alla, iżda huwa dejjem u biss "strument". Dan ifisser li aħna s-saċerdoti għandu jkollna dik l-umiltà u dik il-ġenerożità fl-amministrazzjoni tas-sagramenti, f'li nirrispettaw in-normi kanoniċi, u wkoll li jkollna konvinzjoni qawwija li l-missjoni propja tagħna għandha tkun li l-bnedmin kollha, magħquda ma' Kristu, jistgħu joffru lilhom infushom 'l Alla bħala ostja ħajja u qaddisa li togħġob lilu (ara Rum 12:1).

Lilna s-saċerdoti l-Papa Benedittu XVI qalilna kelmtejn sbieħ: "Għeżież saċerdoti, għixu bil-ferħ u bl-imħabba l-liturġija u l-kult: hija l-azzjoni li jwettaq l-Imqajjem mill-Imwiet bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu fina, magħna u għalina. Nixtieq inġedded l-istedina li għamiltilkom biex tirritornaw fil-konfessjonarju, bħala l-post fejn tiċċelebraw is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, u wkoll bħala l-post fejn 'tgħammru' aktar ta' spiss, ħalli l-penitent ikun jista' jsib il ħniena, parir u konfort, iħossu maħbub u mifhum minn Alla, u jagħmel l-esperjenza tal-preżenza tal-Ħniena Divina, flimkien mal-preżenza reali fl-Ewkaristija" (*Diskors*, 11 ta' Marzu 2010).

Ikompli jgħidilna l-Papa: "Nixtieq ukoll nistieden lil kull saċerdot biex jiċċelebra u jgħix b'intensità l-Ewkaristija, li hi fil-qalba tar-rwol li għandu li jqaddes: hu Ġesù li jrid joqgħod magħna, jgħix magħna, jagħti lilu nnifsu għalina, jurina l-ħniena u t-tenerezza infinita ta' Alla; hija l-uniku sagrifiċċju ta' mħabba ta' Kristu li jsir preżenti, jitwettaq fostna u jwassalna sat-Tron tal-Grazzja, fil-preżenza ta' Alla, iħaddan l-umanità u jgħaqqadna miegħu" (*Diskors*, 18 ta' Frar 2010).

Is-saċerdot hu msejjaħ ikun ministru ta' dan il-Misteru kbir, fis-sagrament u fil-ħajja. U l-Poplu ta' Alla jistenna eżempju ta' fidi u xhieda ta' qdusija mir-rgħajja tiegħu. Hu propju fiċ-ċelebrazzjoni tal-Misteri Qaddisa li s-saċerdot isib l-għeruq tal-qdusija tiegħu.

Għeżież parruċċani u qarrejja, qisu li tkunu konxji tad-don kbir li huma s-saċerdoti għall-Knisja, għalina u għad-dinja; permezz tal-ministeru tagħhom il-Mulej ikompli jsalva lill-bnedmin, isir preżenti fostna, biex iqaddisna. Qisu li troddu ħajr kuljum 'l Alla, u fuq kollox kunu qrib is-saċerdoti tagħkom bit-talb u bis-sostenn tagħkom, speċjalment meta jkun hemm xi diffikultajiet, sabiex ikunu dejjem rgħajja skond il-qalb ta' Alla.

Nirringrazzjakom ta' l-imħabba u tat-talb tagħkom għalina s-saċerdoti. Il-Mulej iberikkom.

## Mużew tagħna - Mużew għal kulħadd

LEJN TWETTIQ TA'ĦOLMA

8



EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND
COHESION FUND
MALTA 2007-2013

*Antoine Vassallo*

# Nimitaw lin-Nunzju!

Fil-ħarġa l-oħra ma ktibtx artiklu; ħassejt li jkun jixraq li sempliċiment inżid id-diskors li għamilt waqt is-serata ta' Preżentazzjoni Uffiċjali tal-Mużew li saret bħala parti mill-*Victoria International Arts Festival* fit-18 ta' Ġunju 2010. Meta l-Grupp ta' Ħidma (jew *Working Group*) tħajjar jorganizza din iċ-ċerimonja, kellna diversi skopijiet.

Wieħed minnhom kien ovvjament li iktar nies ikunu jafu b'dan il-proġett; u hawn m'hemmx dubju li lqatna l-likk! Fil-fatt bosta gazzetti u mezzi oħra tal-medja taw prominenza lill-avveniment. Xtaqna wkoll li jkollna magħna rappreżentanza sabiħa ta' kategoriji, anki lil hemm mill-parruċċani; ma nistax ngħid li ma ħriġniex sodisfatti, avolja kien hemm min sab xi skuża jew oħra biex jeħles minn din is-siegħa u nofs! Personalment ħadt gost li, waqt ir-riċeviment ta' wara (f'idejn voluntiera żgħażagħ tagħna), bosta "barranin" esprimew ruħhom interessati ferm f'din l-intrapriża innovattiva tagħna.

Naħseb, iżda, li l-iktar ħaġa pożittiva – għax mhux mistennija – kienet il-mossa tan-Nunzju. Meta kellna konferma li sa jkun jista' jilqa' l-istedina tagħna, żviluppat l-idea li nippreparaw talba bit-tama li jgħidha hu fit-tmiem. Ħejjieha Mons. Ġużeppi Farrugia (Kordinatur tal-Proġett u n-niggieża prinċipali f'dak kollu li qegħdin inwettqu). Hawn jixraq li ninnota li, għalkemm propjament ma ssemmiex dak in-nhar, kien preżenti wkoll Dun Charles Cini SDB, il-fundatur flimkien ma' l-Arċipriet emeritu tal-*Fondazzjoni Belt Victoria* tnax-il sena ilu.

Għidt allura lil Mons. Pawlu Cardona jipproponiha lil Mons. Caputo; u Mons. Caputo ma rrifjutahx lill-Arċipriet! Mhux hekk biss: qabel qraha (fil-verżjoni bl-Ingliż), għamlilna messaġġ ta' tħeġġiġ li temmu billi wera x-xewqa li jidħol membru fil-Fondazzjoni. Ovvjament impressjonah il-vidjo li żanżanna f'nofs is-serata: semmajtu fuq *Leħen il-Belt Victoria* waqt is-sensiela ta' kull nhar ta' Tlieta *Mużew tagħna, Mużew għal kulħadd*, flimkien ma' dak kollu li ntqal; tistgħu tarawh fuq l-internet ukoll fuq www.fbvgozo.org.mt. Ta kas ta' li għidt jien, peress li l-punti kienu jidhru bl-Ingliż ukoll, u speċjalment tad-diskors ta' Mons. Farrugia: dan għamlu bl-Ingliż biex iwassal il-messaġġ lill-bosta preżenti li ma tantx jistgħu jsegwu bil-Malti; kien essenzjali li jifhem kulħadd, għax spjega kemm l-għan tal-Mużew u kemm l-importanza "strateġika" mil-lat pastorali.

U dan in-Nunzju fehmu sew, u laqgħu. U aħna lqajnieh bħala membru: iċ-ċekk wasal il-ġimgħa ta' wara. Allura b'wiċċna minn quddiem inħeġġukom biex timitawh! Joe Borg, membru tal-bord tal-Fondazzjoni u f'diversi kumitati tagħha, fis-serata spjega l-iskema li bdejna biha għall-ġbir tal-flus – xi mitejn elf – li rridu nżidu mal-fondi ta' l-ERDF (Ewropej u nazzjonali) li jkopru xi 85% tan-nefqa totali. B'€150, anki maqsumin, takkwista shubija għal għomrok u tgawdi minn ftit benefiċċji mhux ħażin. Barra mis-sodisfazzjon li jkollok sehem f'din l-inizjattiva għal ġid tant wiesa', hemm fost l-oħrajn: ċertifikat, jedd li tidħol dejjem b'xejn, u kopja tat-traduzzjoni prodotta minna tal-ktieb ta' De Soldanis fuq gżiritna. Nerġa' nġib in-numri tal-kontijiet bankarji fejn tistgħu tpoġġu:

**APS:** 20000866897 **BOV:** 40018670408
**HSBC:** 071227912001 **LOMBARD:** 0117460034501

Forsi l-eħfef issibuha li tagħtu l-flus lil xi ħadd minna; insemmi tlieta: Mons. Farrugia, Francesco Pio Attard (li qiegħed iżomm ir-rendikonti), u jien. Għall-ewwel nagħtukom irċivuta "proviżorja" sempliċi.

Anki Dr Chris Said ikkonferma għotja minn fond imħaddem mis-Segretarjat Parlamentari mmexxi minnu; u l-Ministru ta' Għawdex Giovanna Debono semmiet għajnuniet li toffri. Nagħtu sehemna aħna lkoll; finanzjarjament, iżda anki billi noffru ideat u suġġerimenti, billi noffru ħinna u billi noffru (b'għotja jew self) oġġetti għall-wiri.

M'għandix spazju fejn nagħmel rapport dettaljat tas-serata, iżda ma nistax ma nsemmix b'ringrazzjament lin-Nutar Paul G. Pisani, konsulent legali tagħna li hu studjuż rikonoxxut, tal-ħarsa li tana ta' l-idea "moderna" ta' mużew, u lil-*Laudate Pueri* li ggarantewlna livell "artistiku" mill-aqwa. Kif stqarrejt dak in-nhar, hu "perikoluż" tipprova tagħti ismijiet; iżda aspett prominenti kien is-sitt eżempji ta' kwadri għall-mużew li ddendlu – bi sforz ġmielu – mal-korsija. B'xorti tajba rapport dettaljat kitibhulna James L. Borg fil-ktieb tal-festa ta' din is-sena maħruġ mis-Soċjetà *La Stella*. Nagħmillu korrezzjoni żgħira. Is-Sinjura Carmen Galea (waħda mill-parruċċani – u eks-studenti tiegħi – li mxew 'il quddiem sew) m'hijiex il-Kap tal-*PPCD*: dik hi d-Direttur Ġenerali; għandha f'idha l-Programm Operattiv I, li taħtu jaqa' l-proġett tagħna tal-mużew.

Inħalli għal darb'oħra l-ispjega ta' l-isem li ħabbarna għall-Mużew: *Il-Ħaġar*.

Programm Operazzjonali I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)
Rata ta' Kofinanzjament: 72.25% Fondi UE; 12.75% Fondi Nazzjonali; 15%NGOs
***Ninvestu fil-futur tagħna***

# "Altare Christus est"

## L-altar: il-post tas-sagrifiċċju, ta' l-ikla u tal-ħajja qaddisa

**Dun Richard Nazzareno Farrugia bl-ewwel minn żewġ artikli fuq is-sens teoloġiku ta' l-altar, fl-okkażjoni tal-ħamsin sena mill-konsagrazzjoni ta' l-altar maġġur il-ġdid tal-Bażilika Ġorġjana**

### It-terminu "altar"

Il-kelma "altar" ġejja mil-Latin *"altare"* li toqrob lejn il-verb *"adoleo"* li jfisser "taħraq". *"Altare"* imbagħad hija traduzzjoni tal-kelma Griega *"thysiastèrion"* li ġejja mill-kelma *"thysia"* li tfisser "sagrifiċċju". Dawn it-termini li nsibu fl-Iskrittura Mqaddsa mill-ewwel jagħtuna ħjiel tas-sinifikat u simboliżmu li hemm marbuta ma' l-altar biex hekk nifhmu ċ-ċentralità u l-importanza tiegħu fil-kult tal-poplu Kristjan.



L-"altari" fit-Tempji tal-Ġgantija, Għawdex.

### It-Testment il-Qadim

Fil-fatt l-altar hu l-immaġni Biblika l-aktar importanti għall-kult u d-devozzjoni reliġjuża. Fil-kotba tar-Rabta l-Qadima nsibu li l-altar hu dejjem "mibni" jew "magħmul" minn ġebel tat-terrakotta, mill-blat jew mill-injam, u xi drabi mżejjen b'metalli prezzjużi. Il-forma tagħhom kienet tixbah lil dik ta' mejda b'erba' kantunieri merfugħin għall-ponta, imsejħa "qarnijiet". Wara l-Patt tas-Sinaj, id-disinn ta' l-altar ġie definit (Eż 27:1-8). L-istorja ta' l-altari fil-kult ta' Israel tiżviluppa sakemm naslu għal altar wieħed fi mkien tal-kult wieħed: is-santwarju prinċipali tat-Tempju ta' Ġerusalemm (2 Sam 24:18-25; 1 Kron 21:18-27). Għalkemm l-altar huwa mibni minn xi ħadd (Abraham, Ġożwè, David, Salamun), huwa dejjem "l-altar tal-Mulej", iddedikat b'mod esklussiv għall-kult. L-altar għalhekk isir għall-Poplu l-Magħżul iċ-ċentru tal-ħajja megħjuxa b'fedeltà lejn il-Patt.

### Tifsiriet u sinifikati ta' l-altar fit-Testment il-Qadim

Fit-Testment il-Qadim l-altar għandu diversi tifsiriet. Insibu altari mibnija bħala *monumenti* biex jimmarkaw u jfakkru l-post tal-laqgħa mal-Mulej (ara Ġen 12:8; 26:25). L-altar kien ukoll *post ta' rifuġju*: jekk wieħed maħrub kien jaqbad mal-qarnijiet ta' l-altar hu kien jingħata l-immunità sakemm l-għemil tiegħu ma kienx ikun il-qtil volontarju ta' bniedem ieħor (Eż 21:14). Naqraw ukoll li l-altar kien meqjus minn xi wħud bħala *l-mejda ta' Alla*, hekk li l-profeta Eżekjel isejjaħlu "l-mejda ta' quddiem il-Mulej" (Eżek 41:22; ara Mal 1:7). Biss it-tifsira – jew sinifikat – l-aktar importanti li għandu l-altar hija bħala l-imkien tal-qtil, tas-sagrifiċċju mdemmi. Tant hu hekk li t-terminu Għebrajk għall-altar huwa *"mizbēah"* li ġej mill-verb *"zābah"* li jfisser "taqta' r-ras". Dan għaliex fuq l-altar kien jiġu maqtula u ssagrifikati l-annimali meqjusa safja u bla difett, b'mod partikulari l-baqar, nagħaġ, mogħoż, gamiem u ħamiem. Anki kienu jiġu offruti l-qmuħ, iż-żejt taż-żebbuġa, l-inbid u l-inċens pur. Dawn kollha kienu jiġu maħruqa fuq l-altar, imma xi drabi kienet tinħaraq biss parti minnhom u l-parti li jifdal kienet tittiekel mis-saċerdoti jew minn dawk preżenti għall-kult, jew mill-familji tas-saċerdoti skont il-każ li jkun (ara Lev 1-7).

### It-Testment il-Ġdid

Fil-milja taż-żminijiet l-altar jibqa' l-post tas-sagrifiċċju, imma s-sagrifiċċju li jiġi mressaq lejn l-altar jinbidel b'mod radikali. Ġesù jqis l-altar u l-Qaddis tal-Qaddisin bħala ż-żewġ elementi prinċipali tat-Tempju. Insibu li l-istess ġenituri taċ-ċkejken Ġesù jagħmlu l-offerta ta' "par gamiem jew żewġ bċieċen" meta jippreżentawh fit-Tempju (Lq 2:24). Naraw li tul il-ħajja pubblika tiegħu Ġesù kellu rispett kbir lejn is-sagrifiċċji tat-Tempju hekk illi lill-imġiddem imfejjaq jibagħtu jagħmel l-offerta għall-fejqan tiegħu (Lq 5:14). Insibu lil Ġesù jitkellem fuq is-sagrifiċċju ta' dawk li ġew maqtula għall-fidi, li kienu jħabbru bis-sagrifiċċju tagħhom is-sagrifiċċju tal-Messija: "U hekk dan in-nisel ikollu jagħti kont ta' demm il-profeti kollha li nxtered sa mill-ħolqien tad-dinja, ibda mid-demm ta' Abel sad-demm ta' Żakkarija, li qerduh bejn l-altar u s-santwarju" (Lq 11:51; Mt 23:35). It-tisfija tat-Tempju li hu jagħmel meta jkeċċi 'l barra 'l dawk li kienu jagħmlu qligħ baxx minn fuq is-sagrifiċċji, tindika r-rispett u l-imħabba li hu kellu lejn l-altar tas-sagrifiċċju fid-dar ta' Missieru (Ġw 2:13-16).

### Is-sagrifiċċju ta' Kristu fl-Ittra lil-Lhud

Bil-passjoni, il-mewt u l-Qawmien tiegħu Kristu jsir "il-ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja" (Ġw 1:29), is-sagrifiċċju mogħti darba għal dejjem għall-fidwa tal-bnedmin (Lhud 9:12), hekk li ma jibqax bżonn ta' sagrifiċċji oħra minħabba li jisboqhom ilkoll u l-qawwa tiegħu hija dejjiema (Lhud 9:28; 10:1-18). Kristu hu fl-istess ħin il-Qassis il-Kbir u l-Vittma (Lhud 9:11-12) li joffri lilu nnifsu lil Alla l-Missier, għaliex "kollox jissaffa bid-demm; u bla tixrid tad-demm m'hemmx maħfra" (Lhud 9:22). F'din l-opra tiegħu Ġesù jidher bħala l-Qaddej sofferenti (Is 53) u l-għoġol tat-tpattija (Lev 16). Fil-fatt id-demm tal-ħaruf u l-għuda tas-salib huma s-simboli li l-aktar jintrabtu mas-sagrifiċċju ta' Kristu.



L-altar fit-Tinda tal-Laqgħa li fiha kienet tinżamm l-Arka tal-Patt.

**Kristu: saċerdot, altar u vittma**

Mhux biss Kristu huwa "l-vittma safja, qaddisa u bla tebgħa" (Kanone Ruman) ta' l-altar, imma huwa wkoll l-istess Qassis il-Kbir li joffri lilu nnifsu, u l-istess altar (Lhud 13:10): *"idem sacérdos, altáre et agnus"* (Prefazju ta' l-Għid V). Missirijiet il-Knisja waslu biex jaraw lil Kristu bħala saċerdot, altar u vittma anki huma u jirriflettu fuq il-kelmiet ta' l-Appostlu Missierna li jsejjaħ lil Kristu "il-blata spiritwali" (1 Kor 10:4) li minnha xorob il-Poplu l-Magħżul. Hawnhekk tajjeb niftakru f'aspett li ma rridux ninsew li huwa marbut mas-sinifikat ta' l-altar: dak ta' *mejda*. Il-Papa Ġwanni Pawlu II jfakkar li l-Ewkaristija ċċelebrata fuq l-altar hi l-istess u l-uniku *sagrifiċċju* ta' Kristu fuq is-salib li minnu jieħdu sehem il-Kristjani billi jissieħbu fl-*ikla tal-Ħaruf* u jirċievu l-ġisem u d-demm tal-Mulej għas-salvazzjoni tagħhom (ara *Ecclesia de Eucharistia*, 11-16).

**L-altar bħala l-post ta' l-ikla**

Fit-Testment il-Qadim il-mejda mimlija bi kwantità kbira ta' ikel turi l-barka u l-providenza ta' Alla, sinjal tal-ġustizzja ta' Alla li ġġib il-paċi. Is-Salmista jistqarr: "Int tħejji mejda għalija quddiem l-għedewwa tiegħi" (Salm 23:5; Neħ 5:17; Ġob 36:16). Li toqgħod madwar il-mejda mimlija b'ikel safi (*kosher*) flimkien ma' nies ġusti u magħhom tiekol kienet turi b'mod tanġibbli t-tjubija nfisha (Salm 128). Fit-Tempju ta' Ġerusalemm kien hemm numru ta' mwejjed li kienu jintużaw għall-kult bħalma kienet il-mejda li fuqha kien jitqiegħed il-ħobż li kien jirrappreżenta l-preżenza ta' Alla (1 Slat 7:48). It-tqarrib tal-kunċett ta' l-*altar* ma' dak ta' *mejda* nsibuh fil-viżjoni li jkollu l-profeta Eżekjel tat-Tempju l-ġdid. Fiha hu jiddeskrivi "altar" jew "mejda" ta' l-injam (Eżek 41:22) u jsemmi tnax-il mejda b'kollox, tmienja minnhom għall-qtil tas-sagrifiċċji (40:39-41) u erbgħa ta' ġebel minġur biex fuqhom jitqiegħdu t-tagħmir u l-vittmi offruti lil Alla (40:42-43). Lejn dawn l-imwejjed setgħu jersqu biss is-saċerdoti li kienu ritwalment safja.

Fit-Testment il-Ġdid il-frażi "mejda [jew ikla] tal-Mulej" tindika l-ikla u ċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija u l-għaqda awtentika ta' bejn il-Kristjani li sseħħ ġo fiha. Ġesù jgħaddi ħafna mill-ministeru tiegħu jgħallem madwar mejda (Mt 26:7; Lq 5:29-32; 7:36-50; 14:1-42). Ġesù anki jfisser id-disponibbiltà li wieħed għandu jkollu biex jaqdi billi jistieden lid-dixxipli jilbsu r-rwol tan-nisa u l-qaddejja li jservu l-mejda (Lq 22:27). B'konsegwenza, li "isservi/taqdi l-mejda" tiddeskrivi kemm b'mod litterali u kemm b'mod metaforiku l-ħidma u l-missjoni tal-ministeru tad-djakni (Atti 6:2). Fir-Rabta l-Ġdida nsibu wkoll il-mejda eskatoloġika fl-aħħar taż-żminijiet. Din il-mejda ta' l-ikla tas-Saltna ta' Alla tfisser il-barka u l-appartenenza definittiva tal-bniedem lil Alla, imma hija fl-istess ħin il-ġudizzju aħħari għal dawk li jkunu ċaħdu l-istedina għall-ikla (Lq 22:28-30).[1]

**L-altar huwa Kristu**

Għaldaqstant nifhmu li *"altare Christus est"*:[2] hu s-sagrifiċċju, hu s-saċerdot, hu l-altar, il-blata spiritwali, l-ikel li jmantnina aħna u nistennewh sa ma jiġi fil-glorja għall-ikla tas-Saltna. Għax l-altar huwa Kristu – u l-kelma *"Christus"* tfisser appuntu "midluk" –, l-altar jiġi midluk biż-żejt tal-Griżma. Din l-użanza hi bikrija fl-istorja tal-Knisja hekk li nsibu fir-raba' seklu lil San Efrem li jikteb: "Iż-żejt [...] jagħti d-dilka lill-altari sabiex fuqhom iseħħ is-sagrifiċċju tar-rikonċiljazzjoni" (*Hymnus de oleo*, I, 3). Għax l-altar huwa figura ta' Kristu, allura l-altar hu mqiegħed fiċ-ċentru tal-post liturġiku b'mod prominenti, jiġi mlibbes u mżejjen kif jixraq u anki 'l barra miċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, u jitlob dejjem ir-riverenza u l-attenzjoni xierqa tal-poplu Kristjan. L-altar jistħoqqlu dejjem ir-rispett u l-qima tagħna.



Kristu, l-Altar, il-punt li jgħaqqad l-art mas-Sema.

**Noti**

1 Fl-iżvilupp ta' l-*altar Kristjan*, fi żmien meta l-Ewkaristija kienet tiġi ċċelebrata ġewwa d-djar (*domus ecclesia*), hu wisq probabbli li l-Kristjani kienu jużaw mejda ta' l-ikel għax il-kult kien x'aktarx jitlob li ssir ikla. Nistgħu nimmaġinaw lill-Kristjani jiċċelebraw l-Ewkaristija fuq l-imwejjed ta' dik l-epoka: ta' l-injam, ta' forma kwadra jew tonda, bi tliet saqajn jew sieq waħda. Ftit wara, iżda, hu probabbli li l-imwejjed użati għall-Ewkaristija bdew jintużaw biss għall-użu liturġiku, distinti mill-imwejjed l-oħra.

2 Hawnhekk nippreċiżaw li bl-espressjoni *"altare Christus est"* mhux qed nifhmu li fl-altar hemm il-preżenza reali ta' Kristu bħalma hu preżenti fl-Ewkaristija. Fil-fatt, b'mod aktar korett nitkellmu fuq l-altar bħala *figura* ta' Kristu. Bħala *figura* ta' Kristu l-altar jitlob allura dik il-qima li tixraqlu bħala l-post li hu "simbolu" ta' Kristu Saċerdot, Altar u Vittma. Fuq il-preżenza ta' Kristu fl-azzjoni liturġika ara Konċilju Ekumeniku Vatikan II, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa *Sacrosanctum Concilium*, Ruma, 4 ta' Diċembru 1963, 7.

* Dun **Richard Nazzareno Farrugia** hu saċerdot mill-parroċċa tax-Xagħra, Għawdex, u bħalissa jinsab Ruma jkompli l-istudji tiegħu fit-Teoloġija Morali fl-*Accademia Alfonsiana*.

» **FESTA SAN ĠORĠ 2010 SPEĊJALI** jaqbad mill-qoxra ta' quddiem...

## Ġublew presbiterali tad-deheb

IL-KANONKU Ġużeppi Sacco, teologu tal-kapitlu Ġorġjan, fakkar ħamsin sena mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu, b'konċelebrazzjoni fil-bażilika, il-Ħadd 11 ta' Lulju 2010, fil-11.00am. Fl-omelija l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona tkellem fuq il-valur tas-saċerdozju, li Dun Ġużepp għaraf iħaddem tant tajjeb f'dawn is-snin kollha. Kienet okkażjoni biex il-parroċċa tapprezza iżjed is-saċerdoti tagħha – f'dawk il-jiem tal-festa preżenti fil-parroċċa iktar missoltu u anki minn barra – u biex titlob għal aktar vokazzjonijiet li żgur huma meħtieġa fil-parroċċa u fid-djoċesi tagħna.



## Attenzjoni għall-morda, l-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà

IL-JIEM tal-festa ta' San Ġorġ m'għadhomx jiġu mqassmin kull wieħed iddedikat lil kategorija partikulari tal-komunità parrokkjali tagħna. Dan ma jfissirx li fihom ma tingħatax importanza lil kull realtà tal-parroċċa. Il-"vulnerabbli" huma dejjem mogħtija attenzjoni speċjali. Barra s-servizz tar-radju li hu mmirat b'mod speċjali għall-morda u l-anzjani fi djarhom u fl-isptarijiet, lil dawn saritilhom stedina għal Quddiesa li ġiet iċċelebrata nhar il-Ħamis 8 ta' Lulju 2010, fl-10.00am, mill-Kan. George Debrincat, u li fiha ngħata s-sagrament tad-Dilka tal-Morda. Kemm il-voluntiera ta' l-Ordni ta' San Ġwann u kemm l-infermiera akkumpanjaw lill-morda mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Ġimgħa qabel, fl-1 ta' Lulju, fis-6.00pm, saret ukoll Quddiesa għar-residenti u persuni b'diżabbiltà ta' *Dar Arka*. Fiż-żewġ każi, dawk preżenti ngħataw trattament ta' ikel, xorb u varjetà fid-dar parrokkjali mill-membri ħawtiela tal-*Ladies Society*.

## Kor barrani għall-Festival

IR-ROCHESTER *Cathedral Choir* kien il-kor barrani mistieden din is-sena biex jagħti kunċert korali fit-tlettax-il edizzjoni tal-*Victoria International Arts Festival*, li offriet kunċerti kważi kuljum fl-*Awla Mons. Giuseppe Farrugia* għal ħames ġimgħat sħaħ! Il-kor Ingliż, taħt id-direzzjoni ta' Scott Farrell, ħa sehem ukoll fil-kunċert sinfoniku u korali bis-sehem ta' l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali ta' Malta, li sar fil-bażilika fi tmiem il-festival, il-Ħadd 11 ta' Lulju 2010, fit-8.00pm, u kanta flimkien mal-Kor *Laudate Pueri* fl-Għasar solenni ta' l-ewwel jum tat-Tridu.



## Djaknu ġdid imexxi l-lagħqa maż-żgħażagħ

IĊ-ĊELEBRAZZJONI *ta' Xhieda Kristjana*, organizzata eżatt wara l-ħruġ ta' l-istatwa min-niċċa, it-Tlieta 13 ta' Lulju 2010, tmexxiet mid-djaknu l-ġdid tal-parroċċa, Simon M. Cachia. It-tema – *Bħal Ġorġi, inkunu ħbieb ta' Kristu* – kienet ispirata mid-diskors ta' Benedittu XVI liż-żgħażagħ Maltin tul iż-żjara tiegħu fuq il-*Valletta Waterfront* f'April li għadda; u ma' hekk kellha x'taqsam ukoll it-tifkira tradizzjonali ta' kull sena li ġiet imqassma. Kien mument profond imma ta' ferħ, kant, talb u riflessjoni, animat tant tajjeb mid-Djaknu Cachia, li għadu kemm ġie ordnat f'Ġunju li għadda.

## Anniversarju ta' Dar Leħen il-Belt Victoria

DAR *Leħen il-Belt Victoria*, binja tal-parroċċa inawgurata biex tilqa' fit-tielet sular tagħha l-istudjows il-ġodda ta' l-istazzjon komunitarju *Leħen il-Belt Victoria*, għalqet għaxar snin. Il-lum fiha wkoll uffiċċju għall-Voluntiera Għawdxin ta' l-Ordni ta' San Ġwann u ieħor għall-*Fondazzjoni Belt Victoria*. Id-dar kienet għotja ta' Mons. Ġwann Frendo (Il-Badiku) lill-parroċċa. L-anniversarju tfakkar b'Quddiesa fil-bażilika, nhar il-Ħadd 4 ta' Lulju 2010, fil-11.00am, immexxija mill-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia, fundatur tar-radju. Wara saret ikla għall-voluntiera tar-radju fid-dar parrokkjali.



## Novena ta' formazzjoni mill-aqwa

GĦAL sena oħra n-Novena ta' San Ġorġ reġgħet tat bidu b'saħħtu lill-festa ta' San Ġorġ, b'disa' ijiem ta' tagħlim – anzi katekeżi soda – fuq San Ġorġ, f'forma ta' drama, imfassla prinċipalment mit-tfal għall-familja kollha, bl-involviment ta' numru qawwi ta' voluntiera. Il-Kan. Emanuel Buttigieg ġie mistieden imexxi l-Quddiesa tas-6.00pm, u fi tmiem kull ġurnata kienet titqassam *sticker* minn kollezzjoni ta' disgħa li flimkien iffurmaw ix-xbieha tal-kwadru titulari. Din, bħas-soltu, qajmet ħafna interess... u iktar imħabba lejn San Ġorġ! It-tema ta' din is-sena, bħas-soltu mibnija fuq il-kitbiet ta' l-Arċipriet emeritu Mons. Salv Borg, kienet: *Ħareġ rebbieħ biex jirbaħ* (2000), rappreżentazzjonijiet imfassla għall-ewwel darba għaxar snin ilu. Il-produzzjoni kienet ta' l-Uffiċċju Parrokkjali.

## Surmast u banda li jagħmlulna ġieħ

Is-Soċjetà Filarmonika *La Stella* tat prova oħra tal-kapaċità inkomparabbli tagħha li torganizza festa fuq livell hekk kbir! Kompla jisbieħ l-armar lussuż, li wkoll fih innifsu hu okkażjoni ta' tagħlim: kompliet is-sensiela ta' bandalori ta' Pjazza Indipendenza, xogħol Joseph Cauchi, li turi qaddisin marbuta ma' isem San Ġorġ ispirati mis-sett ta' Gian Battista Conti maġenb it-twieqi tal-bażilika. Daqshekk ieħor ta' tagħlim kien il-*feature* li b'suċċess reġa' ttella' fi tmiem il-Marċ tal-Ħamis, fi Pjazza Savina. Għall-ewwel darba spikka wkoll sett ta' *banners* b'ritratti tal-festa mwaħħla ma' wħud mill-alabardi ta' Triq ir-Repubblika. Din is-sena ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Banda *La Stella* kienu ikbar għax mal-festa ta' San Ġorġ fakkret l-erbgħin anniversarju tal-Prof. Joseph Vella fit-tmun tagħha, li, kif hi l-opinjoni ta' ħafna, bħala surmast direttur żejnilha l-arkivju tagħha bl-aqwa marċi festivi li għandna f'Malta.

## Liturġija profonda u spettakolari

Il-Liturġija tal-festa hi f'waqt wieħed mument profond ta' qima u spettaklu ta' kuluri u melodiji. Barra ċ-ċelebrazzjonijiet tat-Tridu, li din is-sena wkoll kellu t-timbru tiegħu, il-ġimgħa tal-festa kienet miżgħuda b'appuntamenti liturġiċi oħra importanti. Il-konċelebrazzjoni pontifikali ta' tmiem it-Tridu u tat-*Te Deum* tmexxiet mill-Isqof emeritu ta' Għawdex u fundatur tal-kolleġġjata Ġorġjana, Mons. Nikol Ġ. Cauchi; u l-għażla għaqlija li din tibda fl-10.00am dehret li ħalliet il-frott mixtieq, anki fil-konkorrenza pożittiva tal-kongregazzjoni. Il-President tar-Repubblika ta' Malta, Dr George Abela, onorana bil-preżenza tiegħu fil-Pontifikal ta' fil-għodu. It-tieni Għasar solenni tmexxa mill-vigarju tad-djoċesi u arċidjaknu tal-Katidral, Mons. Giovanni Bosco Gauci, li għadna niftakru t-tagħlim sabiħ fuq il-qaddis tagħna li tana fit-23 ta' April li għadda. Naturalment is-sehem ta' l-Isqof djoċesan u Dekan tal-kolleġġjata kien fit- ▶

## Bukkett għat-Tridu

It-tlitt ijiem ta' Tridu saru minn Mons. George Bezzina, eks-kappillan tal-parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana u kanonku tal-kolleġġjata tagħna. Predikatur għaref u mżejjen bid-don tal-kelma, Mons. Bezzina kellem lil bażilika ppakkjata fuq il-qawwa spiritwali li tiddi fil-figura sbejħa ta' Ġorġi, ispirat mill-istatwa grazzjuża tiegħu li hu spiss deher jindirizza waqt il-priedki tiegħu, mimlijin ukoll bit-togħma ta' l-arti u l-poeżija. Fi tmiem l-aħħar waħda, b'ġest oriġinali ta' qima u mħabba filjali lejn il-Patrun tagħna, Mons. Bezzina niżel iqiegħed bukkett ta' fjuri quddiem l-istatwa titulari, fost iċ-ċapċip ma jaqta' xejn tal-miġemgħa.




Translazzjoni u l-Vġili solenni kif ukoll fil-Pontifikal ta' jum il-festa, fejn fl-omelija għażel li jitkellem fuq il-valuri li jispira San Ġorġ fil-kontinent Ewropew tagħna. Għall-ewwel darba minn kemm Għawdex ilu bl-isqof tiegħu, din is-sena nkisret it-tradizzjoni li l-purċissjoni titulari u pontifikali ta' fil-għaxija titmexxa mir-ragħaj tad-djoċesi; minflok mexxa l-purċissjoni l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, li jżomm it-tieni dinjità fil-kapitlu Ġorġjan.

## Websajt tar-radju b'libsa ġdida

L-għaxar snin ta' l-istudjows ġew imfakkra bil-ħolqien ta' verżjoni ġdida u iktar moderna fuq l-indirizz tas-sit elettroniku ta' *Leħen il-Belt Victoria*, www.lbv104.com. Waqt li ġie msaħħaħ is-servizz ta' l-*audio* u *video streaming*, issa disponibbli tul is-sena kollha, tnieda wkoll servizz ġdid ta' *podcasts*. Il-websajt il-"ġdida" hi mimlija b'tagħrif ta' kull tip fuq il-ħidma tar-radju u l-voluntiera ħabrieka tiegħu. Il-websajt uffiċjali tal-parroċċa, www.stgeorge.org.mt, minkejja l-libsa qadima ta' fuq ħames snin, issoktat ukoll bis-servizz impekkabbli tagħha, fost l-oħrajn b'numru estensiv ta' filmati fuq il-*YouTube* li għadhom qed jittellgħu sa issa.




## Xandira fuq Net TV

Minkejja li diġà kienet xandret il-festa ta' San Ġorġ minn Ħal Qormi, il-produzzjoni tal-programm televiżiv *Forċina*, imxandar kull nhar ta' Ħadd fil-għaxija fuq l-istazzjon lokali *NET TV*, għażlet il-festa tagħna għall-edizzjoni tal-Ħadd 18 ta' Lulju 2010. Bi produzzjoni ta' Paul Galea, il-programm xandar kollegamenti diretti tal-ħruġ u d-dħul tal-purċissjoni minn Pjazza San Ġorġ, u tal-barka Ewkaristika minn ġol-bażilika, kif ukoll intervisti u dokumentarji interessanti.

Għall-okkażjoni tal-festa ta' din is-sena, George J. Cassar irregala lill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona stola ħamra tal-bellus, irrakkmata minnu stess.



>>

## Ġublew
presbiterali
tad-deheb



## Djaknu ġdid
imexxi l-laqgħa
maż-żgħażagħ







## Novena
ta' formazzjoni
mill-aqwa

<<

## Attenzjoni
għall-morda, l-anzjani
u l-persuni b'diżabbiltà

Ir-ritratti tal-festa f'din l-edizzjoni huma ta' Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Anton Farrugia, Andrew Formosa, Feliċ Micallef u J.J.P. Zammit.

>>
## Liturġija
profonda
u spettakolari



## Bukkett
għat-Tridu



## Soċjetà
li tagħmlilna ġieħ



>>
## Websajt
tar-radju
b'libsa ġdida




» FESTA SAN ĠORĠ 2010 SPEĊJALI jissokta fil-qoxra ta' wara...

# Niltaqgħu mal-Professur Joseph Vella

## fl-okkażjoni ta' l-erbgħin sena minn meta nħatar surmast direttur tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*



Erbgħin sena ilu s-Soċjetà Filarmonika *La Stella* laqgħet surmast żagħżugħ u enerġetiku fit-tmun mużikali tagħha, li kompla ddistingwa l-primat tagħha fil-qasam artistiku fil-gżira. Il-lum, il-kompożizzjonijiet li ħarġu minn idejh jixhdu waħidhom għall-ġenju mużikali tal-Prof. Joseph Vella, direttur mużikali tal-Banda Ċittadina *La Stella* u tat-*Teatru Astra*, *maestro di cappella* tal-Bażilika ta' San Ġorġ u direttur artistiku tal-*Victoria International Arts Festival*. Fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju, Francesco Pio Attard għal *Il-Belt Victoria* jiltaqa' miegħu u jistaqsih.

**1. Il-karriera mużikali tiegħek ħierġa mill-ambjent ta' familja li diġà kienet ikkultivat rabta qawwija mal-mużika. Missierek kien surmast tal-Banda *La Stella* qablek, u fuq l-eżempju tiegħek imxew ukoll oħrajn mill-familja. X'impatt ħalla fuqek dan l-ambjent?**

It-tifkiriet tiegħi ta' meta kont għadni żgħir ħafna huma li jiġu n-nies id-dar tagħna, b'missieri fuq il-pjanu u huma madwaru jkantaw jew idoqqu. Niftakarni kont inħobb immur inkiss inkiss mal-ġenb tal-pjanu waqt dawn il-provi, nara u nisma', u diversi minn dawn in-nies jiċċajtaw miegħi. Niftakarni sew jiġi wieħed biż-żiemel u l-karettun biex jieħu lil missieri – u jien miegħu – l-Għarb għall-provi tar-rappreżentazzjonijiet tad-dramm tal-Passjoni. Niftakar sew lil missieri jeħodni miegħu l-Istitut ta' San Ġużepp, Għajnsielem, fejn kien jgħallem l-allievi tal-banda ta' dak ir-raħal. Aktar tard, meta bdejt nitgħallem il-pjanu, fil-għaxijiet, missieri u jiena konna ngħaddu ħin twil indoqqu dwetti, u missieri kien anki jġib xi nies jisimgħuna. Meta mbagħad tgħallimt indoqq il-vjolin, missieri, li kien *maestro di cappella* ta' diversi parroċċi Għawdxin, beda jeħodni ndoqq fl-orkestra tiegħu. Dan li għidtlek, kollu bejn l-età ta' ħames snin u tnax-il sena. Kif tista' timmaġina, dan l-ambjent li kbirt fih ma setax ma jħallix fuqi impatt mużikali kbir.

**2. Il-mużika hi iżjed minn sempliċi karriera. Hi arti li titwieled biha fik, imma mbagħad tikber u tiżviluppa skond kemm tikkultivaha. Xi tfisser għalik il-kelma "mużika"?**

Għal min jikkomponiha l-mużika hija espressjoni ta' karattru u sentimenti personali li l-espressjoni tagħhom hija sottili u tmur ħafna aktar 'il fuq minn kif wieħed jista' jesprimi ruħu bil-kelma. Għal min jismagħha, imbagħad, il-mużika hija bir bla qiegħ ta' esperjenzi emozzjonali, u li minn dan il-bir wieħed jista' jixrob kemm irid u skond il-kapaċitajiet uditorji tiegħu. Dan ifisser li, skond l-abbiltajiet individwali, wieħed jista' jixrob tazza u ieħor kapaċi jixrob buqar, u t-tnejn iħossuhom emozzjonalment sodisfatti. Dan huwa s-sabiħ tal-mużika, barra l-fatt li l-mużika tissupera l-konfini tal-lingwi: m'hemmx bżonn xi lingwa partikulari biex tirrelata magħha.

**3. Hu naturali li la int surmast tal-mużika b'xi mod int ukoll għalliem tagħha? Kemm hu importanti għalik li l-mużika tgħallimha wkoll?**

It-tagħlim, mhux biss fil-mużika, iżommok, kif jgħidu l-Ingliżi, *"on edge"*. Fid-dinja titgħallem dejjem minn kollox u minn kulħadd, xi kultant anki mill-istess studenti tiegħek. Imbagħad hemm ċertu sodisfazzjon li tara u tħoss xi ħaġa li fid-diversi stadji tagħha qiegħda bil-mod tinbena. Din hija esperjenza li nħoss bħala surmast direttur, ngħidu aħna, mal-banda, fejn qiegħed tagħmilha mhux ma' professjonisti imma ma' nies dilettanti li jħobbu l-mużika imma forsi xi ftit teknikament karenti. F'dan il-każ is-sodisfazzjon finali huwa kważi akbar minn meta qed ittella' xi ħaġa ma' orkestra professjonali.

**4. Il-Prof. Joseph Vella l-lum il-ġurnata bena isem fil-kamp tal-kompożizzjoni. Il-qasam mużikali lokali kif ukoll internazzjonali ssokta jistagħna b'xogħlijiet tiegħek ta' kull tip. X'ħin tħares lura, liema tħoss li kienet l-aqwa kompożizzjoni li ħarġet mill-pinna tiegħek u għaliex?**

Meta tiġi biex titkellem fuq l-"aqwa" kompożizzjoni trid toqgħod ftit attent. Ħa ngħati eżempju. Id-Disa' Sinfonija ta' Beethoven, li tieħu qrib siegħa (solisti, kor u orkestra), hija bla dubju ta' xejn kapolavur. Imma



Is-Surmast Joseph Vella jidderieġi għall-ewwel darba, fil-Gallarija ta' l-Orgni tal-Bażilika ta' San Ġorġ, il-*Missa Papa Giovanni XXXII* fil-Pontifikal tal-festa ta' San Ġorġ, f'Lulju 1963. Jidher bil-vjolin f'idejh Ġanni Vella, missier is-Surmast, li kien qablu surmast direttur tal-Banda Ċittadina *La Stella* u *maestro di cappella* tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Fost l-oħrajn jidhru wkoll fl-istess ritratt Mons. Ġwann Frendo (Il-Badiku), Nazinu Saliba (dahru lejna), Żarenu Refalo, Dun Ġużepp Saliba (Il-Bejżu); bil-vjolini: Salvu Lanzon, Carmelo Lanzon u Ġużeppi Farrugia (Tas-Seba' Soldi).

l-istess huma, ngħidu aħna, il-Preludji tal-pjanu ta' Chopin, xi wħud minnhom ta' ftit battuti u ta' ftit minuti. Il-perfezzjoni, sew fil-ġgantesk u sew fil-minjatura, tibqa' perfezzjoni u ma tistax tgħid li waħda "aqwa" mill-oħra għas-sempliċi raġuni li waħda hija akbar mill-oħra.

Wara li għidtlek dan, mil-lat personali nħoss li s-Sinfonija Nru 3 (*The Apocalypse Verses*) hija bla dubju ta' xejn waħda mill-aħjar kompożizzjonijiet tiegħi.



Ir-rikording tal-*Mass in D* fit-*Teatru Astra*, fl-2000.

**5. Madwar ħamsin sena ilu int sirt *maestro di cappella* tal-bażilika ta' San Ġorġ, pożizzjoni prestiġjuża fil-qasam artistiku reliġjuż lokali, speċjalment meta wieħed iqis l-arkivju mużikali rikk li għandha l-bażilika. Xi tfisser għalik pożizzjoni bħal din?**

Kif diġà għidtlek missieri kien *maestro di cappella* ta' diversi knejjes f'Għawdex. Jien qatt ma kelli l-ħajra li nkompli f'din il-linja tiegħu, anki għax kont noqgħod Malta u kont anki involut f'diversi attivitajiet orkestrali/ korali mill-bidu nett tal-karriera tiegħi f'Malta. Il-*cappella* ta' San Ġorġ kienet xi ħaġa differenti. Il-mużika ta' din il-festa dejjem kienet xi ħaġa speċjali, aktar u aktar fl-ambjent ta' Għawdex. Biex tifhimni sew, meta wieħed kien jitgħallem il-vjolin, biex speċi kien iħossu li "ggradwa", ried ikun tajjeb biżżejjed biex jista' jdoqq ir-repertorju li kien isir fil-bażilika. Meta missieri, ta' erbatax-il sena, fdali dan l-inkarigu bħala prim vjolin, kont ferħan ħafna!

**6. Il-*Mass in D Major "Princeps Martyrum" in honour of St George* hi bla dubju ta' xejn l-akbar rigal li tajt lil San Ġorġ. X'kien il-ħsieb wara l-kompożizzjoni ta' din il-Quddiesa ċelebri u x'inhu l-messaġġ li tħoss li ridt twassal permezz tan-noti tagħha?**

Fl-1956 missieri talabni niktiblu quddiesa bl-iskop li jesegwiha fil-festa ta' San Ġorġ. Ir-riżultat ta' dan kien il-*Missa Papa Giovanni*. Din indaqqet fil-festa għal bosta snin imma mhux b'mod regolari, sakemm fl-1968 il-festa għal disa' snin sħaħ ma baqgħetx issir. F'dan il-perjodu din il-quddiesa kienet esegwita diversi drabi, anki fi rħula oħra, bħax-Xewkija. Sadanittant, dejjem fuq xewqa ta' missieri, ktibt quddiesa oħra, il-*Mass in D*, li ġiet esegwita l-ewwel darba bħala *concert piece* mill-*Malta Choral Society* f'Malta fl-1974. Wara li reġgħet bdiet issir il-festa ta' San Ġorġ fl-1976, b'eċċezzjoni ta' xi snin, il-*Mass in D* dejjem ġiet esegwita kull sena. Din il-quddiesa hija xogħol ta' żgħożiti, imma wara dawn is-snin kollha, kull meta nidderiġiha fil-pontifikal ta' San Ġorġ, xorta baqgħet tagħtini – u donnu anki lil dawk kollha li jisimgħuha – dawk l-emozzjonijiet li jien ħassejt meta kkomponejtha.

**7. Din is-sena qed tfakkar l-erbgħin anniversarju minn meta ġejt maħtur surmast direttur tal-Banda Ċittadina *La Stella*. Hawn, mill-ġdid, żgur li din hi għalik pożizzjoni ta' responsabbiltà kbira, li tvarja mit-trawwim ta' allievi ġodda għad-direzzjoni ta' l-opri liriċi. Kif tiddeskrivi fil-qosor l-esperjenza tiegħek ta' dawn l-aħħar erba' deċennji fit-tmun mużikali tas-Soċjetà?**

Meta nħares lura lejn dawn l-aħħar erbgħin sena, ċertament niftakar f'ħafna esperjenzi sbieħ, sew mil-lat artistiku u sew soċjali. Bla dubju ta' xejn jispikkaw il-mawriet "favolużi" li l-Banda *La Stella* għamlet barra minn Malta, u esegwiet programmi biex ngħidu hekk fl-aqwa "salotti" ta' bliet famużi, bħal Piazza Navona, Ruma; Piazza della Signoria, Firenze; Piazza San Marco, Venezja. Kienu verament esperjenzi sbieħ u ta' prestiġju, sew għall-banda u sew għalija. Imbagħad hemm memorji ta' kunċerti klassiċi li l-Banda



Il-Professur Vella jiffirma l-kuntratt tad-donazzjoni li bih huwa rregala l-Quddiesa tiegħu *Mass in D* u bċejjeċ liturġiċi oħra lill-Bażilika ta' San Ġorġ, fl-Awla Kapitulari tal-Bażilika ta' San Ġorġ, fl-1994, fil-preżenza tan-Nutar Dr Paul G. Pisani u ta' l-Arċipriet Mons. Salv Borg.

# ŻEWĠ QUDDISIET "ĠORĠJANI" TAL-PROFESSUR JOSEPH VELLA



Skizzi oriġinali ta' l-*Alleluia* u s-*Sanctus* tal-*Mass in D*.

## Missa Papa Giovanni XXIII

| | |
|---|---|
| 1957-1958 | Inkitbet fl-oriġinal tagħha, jiġifieri għal solisti, tenuri, baxxi u kor tat-tfal. |
| 21 ta' Lulju 1963 | Indaqqet l-ewwel darba fil-Bażilika ta' San Ġorġ għall-festa titulari ta' San Ġorġ, u baqgħet tindaqq, għalkemm mhux b'mod regolari, sa l-1967. |
| 1968-1975 | F'dan il-perjodu l-festa ta' San Ġorġ ma kinitx issir minħabba l-inkwiet parrokkjali fir-Rabat. F'dan iż-żmien il-*Missa Papa Giovanni* ndaqqet f'xi okkażjonijiet fi knejjes parrokkjali oħra ta' Għawdex. |
| Ġunju 1972 | Indaqqet għall-ewwel darba fil-verżjoni preżenti, jiġifieri għal solisti (sopran, tenur u baritonu) u kor SATB, fil-knisja arċipretali tax-Xewkija, fil-festa titulari ta' San Ġwann Battista. |
| 1977-1981 | Reġgħet bdiet tindaqq kull sena fil-festa titulari ta' San Ġorġ u fl-Ewwel Quddies Solenni ta' saċerdoti tal-parroċċa. |

## Mass in D Major "Princeps Martyrum" in honour of St George

| | |
|---|---|
| 1968 | Inkitbet. |
| 1974 | Ġiet esegwita għall-ewwel darba bħala *concert piece* fl-Awditorju ta' l-Università ta' Malta. |
| 1976 | Iżżanżnet għall-ewwel darba waqt il-Pontifikal tal-festa titulari ta' San Ġorġ, bis-sehem tal-*Malta Choral Society*. Wara dik is-sena ma ndaqqitx iktar, qabel l-1982. |
| 11 ta' Lulju 1982 | Ġiet esegwita fl-Ewwel Quddiesa Solenni ta' Dun George J. Frendo, ġimgħa qabel il-festa ta' San Ġorġ. |
| 18 ta' Lulju 1982 | Bdiet tiġi esegwita kull sena, kif għadha sal-lum, fil-Pontifikal tal-festa ta' San Ġorġ. |
| 1994 | Donazzjoni lill-Bażilika ta' San Ġorġ tal-*Mass in D*, l-innu *Georgius natus est*, is-salm *Laudate Pueri Dominum* u t-tliet salmi tat-Tieni Għasar. |

## Meta nkitbu kompożizzjonijiet oħra sagri marbuta mal-*Mass in D:*

Gradwal (verżjoni oriġinali, bħala *Tantum ergo*) – 1956
Gradwal: *Posuisti Domine* (verżjoni attwali) – 1963
Innu għall-Offertorju: *Confitebuntur* – 1963
Innu għat-Tqarbin: *Cantata – Laudate Pueri Dominum* – 1982
Innu *Georgius natus est* – 1984
Introjtu: *Aperite mihi portas* – 1986

dderiġejtha fihom fit-Tokk, xi wħud minnhom mera tal-kapaċitajiet u tar-riżorsi tagħha. Niftakar ukoll is-serje ta' opri grandjużi li rawwamt ġot-*Teatru Astra*, u li l-lum wasalna f'pożizzjoni fejn il-pubbliku tagħna tant hu ċert mill-livell għoli li sa jsib minn sena għall-oħra, illi numru sostanzjalissmu jibbukkjaw il-postijiet mingħajr mank jafu x'opra ġejja jew min sa jieħu parti. Din hija turija ta' fiduċja kważi għamja li rnexxielna nibnu fost il-"klijenti" tagħna matul iż-żmien: fiduċja diffiċli ħafna biex tibniha, imma li faċli "titlifha" malajr jekk ma trawwamhiex sew. Mil-lat soċjali, imbagħad, niftakar b'ċerta nostalġija sew f'diriġenti u sew f'bandisti, eks-kolonni tas-Soċjetà, li sfortunatament il-lum m'għadhomx magħna: Ġużeppi Mercieca, Ġorġ Attard, Ġużeppi Cini; imbagħad bandisti bħal Ġużeppi Buttigieg, Alessio Camilleri, Ġużeppi Gauci, u ovvjament missieri, u tant oħrajn, li flimkien magħhom bnejna soċjetà minn ġo livell reġjonali għal entità ta' importanza nazzjonali. Hawnhekk ma nistax ma nsemmix il-parteċipazzjoni qawwija li kellu f'dan l-għan, għal bosta snin, is-Sur Pawlu Cassar, eks-segretarju ġenerali.

8. **F'dawn l-aħħar tlettax-il sena int ukoll id-direttur artistiku tal-*Victoria International Arts Festival*. Din hi realtà li rajt titwieled u tiżviluppa. X'kontribut taħseb li qed jagħti dan il-festival lill-kultura u l-arti f'pajjiżna?**

Il-*Victoria International Arts Festival* twieled tlettax-il sena ilu. L-iskop kien u għadu li nagħtu dimensjoni ġdida fil-preparazzjoni tal-festa ta' San Ġorġ. Din id-dimensjoni kulturali ovvjament ma kinitx maħsuba a skapitu tal-preparazzjonijiet l-oħra tradizzjonali. Imma bħalma taf int kull festa f'Malta u Għawdex għandha



Waqt il-festa titulari ta' San Ġorġ, imexxi l-orkestra, kor u solisti bħala *maestro di cappella* tal-Bażilika ta' San Ġorġ.

l-logħob tan-nar, l-armar, il-baned, u l-bqija. Imma l-festa ta' San Ġorġ tar-Rabat ta' Għawdex biss għandha festival li jwassal għall-festa tal-qaddis patrun. Il-festival, li beda' f'attività ta' ġimgħa, il-lum huwa mifrux fuq medda ta' ħames ġimgħat, u qed jippreżenta mhux inqas minn tlieta u tletin attività kulturali. L-artisti li qed jipparteċipaw ġejjin minn tnax-il pajjiż differenti u l-kontenut kulturali tiegħu l-lum huwa rikonoxxut mhux biss mill-udjenzi li jattendu (medja ta' mija kull darba), imma wkoll minn entitajiet governattivi. Dan qed nagħmluh b'baġit ristrett ħafna u huwa possibbli li ntellgħuh sempliċiment għall-kuntatti personali li bil-pjaċir ngħid li għandi ma' mużiċisti u ċentri artistiċi fid-dinja kollha.


Jidderieġi l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali waqt il-Kunċert Finali tal-*Victoria International Arts Festival*.

**9. Ismek hu marbut ukoll mal-festa ta' San Ġorġ, b'xi wħud mill-aktar noti popolari miktuba għall-kuntest ta' festa Maltija. Kemm taħseb li l-mużika tilgħab rwol importanti fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-poplu tagħna?**

Wieħed mir-rwoli sbieħ – u misterjużi – tal-mużika huwa dak li meta tisma' ċerti noti dritt tiġi quddiem għajnejk xi sitwazzjoni jew attrazzjoni fiżika. Hekk, ngħidu aħna, il-*Mass in D* – li, kif taf, tiċċelebra festa sew liturġika u sew kunċertistika, u li għaliha anki hemm numru sabiħ ta' nies jaqsmu l-fliegu biex ikunu preżenti – min jismagħha dritt jassoċjaha mal-grandjożità tal-pontifikal ta' San Ġorġ. Jew meta wieħed jisma' l-innu *Georgius natus est* quddiem għajnejh dritt tiġi x-xena kommoventi ta' l-istatwa ta' San Ġorġ ħiereġ mill-bażilika fost il-briju u t-tixjir tal-palm. Fuq livell purament artistiku, in-noti mirquma, profondi u maħsuba tal-mużika ta' Mons. Giuseppe Farrugia, għal min hu dilettant u intiż fil-mużika, żgur ipoġġi l-festa ta' San Ġorġ fuq livell insuperabbli sew f'Għawdex u sew f'Malta kollha.

# *Rejiet Ingliżi bl-isem ta' Ġorġ* (4)

Dun Geoffrey G. Attard



## Ir-Re Ġorġ IV (1762-1830)

George Augustus Frederick ta' Hanover, jew aħjar Ġorġ IV ta' l-Ingilterra, twieled nhar it-12 ta' Awwissu 1762 fil-Palazz ta' St James, f'Londra, iben ir-Re Ġorġ III u martu r-Reġina Charlotte, Prinċipessa ta' Mecklenburg-Strelitz. Meta kien Prinċep ta' Wales ma tantx kellu relazzjonijiet tajba ma' missieru r-Re. Hu ried igawdi l-ħajja mill-aħjar li jista' u kien iħobb ħafna d-divertiment u l-kumpanija femminili. Kien ukoll iħobb l-arti. Fl-1785 hu żżewweġ bil-moħbi lill-Kattolika Maria Fitzherbert, imma żamm iż-żwieġ sigriet għax inkella kien jitlef it-tron. Għaxar snin wara żżewweġ formalment lill-Prinċipessa Caroline ta' Brunswick, li kienet Protestanta. Dan għamlu sabiex jakkwista l-finanzi ħalli jħallas id-djun li kien għamel; iż-żwieġ kien diżastru sa mill-bidu. Wara li kellhom tifla l-koppja għexu mifrudin. Wara li pprova jiddivorzjaha mingħajr suċċess, hu ħallieha barra miċ-ċerimonja ta' l-inkurunazzjoni li seħħet nhar id-19 ta' Lulju 1821. Bintu kien jisimha Charlotte Augusta; kellu wkoll żewġt itfal illeġittimi. Matul il-ħakma tiegħu bħala re Ġorġ irnexxielu jieħu miżuri ta' emanċipazzjoni favur il-Kattoliċi u dawn ingħataw id-dritt tal-vot. Kien kontinwament dipendenti fuq il-Parlament għall-għajnuna finanzjarja. Hu ġġieled ma' Charles James Fox u l-partit tal-Whigs li kienu vvutaw favur li hu jkun reġġent flok missieru li kien marid. Kien biss fl-1823 li l-Kattoliċi ngħataw permess li jkunu membri tal-Parlament. Ġorġ għamel bosta opri ta' l-arti; hu kkummissjona lill-arkitett John Nash sabiex jiddisinja ġnien kbir f'Londra, li mbagħad issejjaħ Regent's Park, u l-kolonni sbieħ ta' Regent's Street. Jibqa' l-aktar magħruf għar-Royal Pavilion, li huwa palazz sabiħ fi Brighton. Fl-1823 kabbar il-British Museum u s-sena ta' wara waqqaf il-Gallarija Nazzjonali. Kien ukoll fi żmienu li twaqqaf is-servizz tal-ferrovija għall-passiġġieri u l-ewwel vjaġġ kien minn Stockton għal Darlington. Kien l-ewwel re tad-dinastija ta' Hanover li żar l-Iskozja, u fl-1822 daħal trijonfalment f'Edinburgh hekk li ta ismu lil Princes' Street, fil-qalba tal-belt; din iċ-ċirkustanza kienet ġiet imħejjija b'mod metikoluż mill-awtur magħruf Sir Walter Scott. Kien fl-1826 li twaqqfet is-Soċjetà Rjali Żuloġika minn Sir Stamfrod Raffles, u fl-1829 li Robert Peel waqqaf il-Pulizija Metropolitana. Ġorġ IV miet f'Windsor nhar is-26 ta' Ġunju 1830 u jinsab midfun fil-Kappella ta' San Ġorġ fl-istess kastell. Laħaq warajh ħuh William IV.

# Qaddisin "Ġorġjani"

RABTIET MAL-KULT TAL-PATRUN TAGĦNA
U MA' DAN IT-TEMPJU DDEDIKAT LILU

28



*Antoine Vassallo*

## San Ġelasju I

### (tifkira liturġika fil-21 ta' Novembru)

X'aktarx ta' oriġni Afrikana, Ġelasju ġie elett papa fl-1 ta' Marzu 492; iżda kien diġà kkollabora mal-predeċessur tiegħu billi ħejjielu dokumenti, tant li hemm dubju f'ċerti każi fuq l-awtur veru! Il-karattru sod tiegħu wrieh mill-ewwel mill mod kif ittratta l problema li ħoloq il Patrijarka Akaċju ta' Kostantinopli: qagħad ferm attent li ma jxellef bl-ebda mod id-drittijiet u s-setgħa tal-Katedra ta' Pietru, jiġifieri ta' Ruma, anki jekk sadattant Kostantinopli kienet saret belt iktar importanti mil-lat ċivili u politiku. U lanqas beża' jiddefendi lis-sedi "inferjuri" bħal Lixandra u Antjokja. Fil-fatt il-ħidma u l-kitba ta' dan il-papa joffru argumenti qawwija favur il-primat tas-"Sede ta' Pietru": primat li ma jiddependix mid-deċiżjonijiet umani, għax ġej mir-rieda ta' Ġesù nnifsu. Il-mod kif ittratta ma' l-Imperatur daħħal lil Ġelasju fil-lista ta' l-aqwa papiet Medjevali. Sfortunatament, peress li miet f'Novembru tas-sena 496, ma kellux żmien biex isolvi s-sitwazzjoni, imma żgur nistgħu ngħidu li kien witta t-triq għal ta' warajh. U laħaq almenu bagħat ittra *"Duo sunt"* li biha stabbilixxa prinċipju li baqa' jinfluwenza l-ħsieb politiku fl-Ewropa tal-punent għal tista' tgħid millenju sħiħ: id-distinzjoni bejn l-*"auctoritas sacrata pontificum"* (l-awtorità ta' l-isqfijiet) u r-*"regalis potestas"* (il-qawwa tar-re). Saħaq li, għalkemm indipendenti fl-isferi speċifiċi tagħhom, iridu jaħdmu f'armonija ma' xulxin.

Madankollu dan ma kienx l-uniku suġġett li tefa' l-enerġija fuqu. Ngħidu aħna rnexxielu jabolixxi l-*"lupercalia"*, festa pagana (marbuta mal-fertilità) fi Frar li kienet tagħmel ħafna ħsara morali u soċjali f'Ruma. Din hi waħda mit-tant okkażjonijiet fl-istorja tal-Knisja meta drawwa qadima ġiet "Kristjanizzata": fil-fatt il-festa tal-Purifikazzjoni ta' Marija erbgħin jum wara t-twelid ta' Binha (il-lum il-Preżentazzjoni tal-Mulej, jew "Gandlora") taħbat f'dan il-perjodu. Obbliga wkoll għal xi żmien it-Tqarbin biż-żewġ speċi biex jikxef lill-Manikej li kienu jagħmluha ta' Nsara (peress li dawn kienu jemmnu li ma tistax tixrob inbid!). Daħħal xi użanzi liturġiċi, fosthom regoli għall-kwattru tempi (il-ġranet ta' sawm li sar-riforma liturġika tal-Konċilju Vatikan II kienu mifruxa ma' l-erba' staġuni matul is-sena tal-Knisja). Hu stess kien magħruf sew għal ħajja ta' penitenza, talb u studju. Kellu interess ipprivileġġjat favur il-foqra: qassam ġidu kollu u miet bla xejn! Saħħaħ regola li d-dħul tal-Knisja għandu jinqasam f'erbgħa: għall-foqra, għall-isqof, għall-qassisin u għall-kult. Kellu f'moħħu li, b'dan l-aħħar kwart, iċ-ċerimonji reliġjużi jsiru b'mod u f'ambjent li jixraq lil Alla, allura ta' livell mill-aqwa. Tant kien konvint mill-importanza ta' dan l-aspett li mhux darba u tnejn saħaq fuq hekk f'ittri lil isqfijiet. Diversi digrieti jew ordnijiet tiegħu fuq it-tmexxija u d-dixxiplina ekkleżjastika tant stabbilew ruħhom li daħlu fil-Kodiċi tal-liġijiet tal-Knisja.

Dan il-papa ħa timbru ta' kittieb prolifiku – u ta' kalibru, bi stil eleganti għalkemm vigoruż – u allura nafu b'każi meta dokumenti, għalkemm miktuba fiż-żminijiet ta' wara u saħansitra qabel, ingħataw ismu bħala awtur biex bħal speċi "jitgħolla" l-livell u l-istima tagħhom. Din l-użanza apokrafika nsibuha f'bosta kulturi matul is-sekli (insemmi, biex nibqa' fl-ambjent reliġjuż, li mhux is-Salmi kollha fil-fatt kitibhom David). Iżda tista' twassal għal inċertezzi: liema mix-xogħlijiet "Ġelasjani" verament ħarġu mill-pinna tiegħu? Madankollu ma nħossx li għandi nidħol f'dawn l-irqaqat f'dan id-daqsxejn ta' artiklu!




Wieħed minn dawn il-kotba hu s-*Sacramentarium Gelasianum* – jew, propjament, il-*Liber sacramentorum Romanae ecclesiæ* – li fih Quddies għal matul is-sena, flimkien ma' innijiet, prefazji u talbiet, fl-isforz għal liturġija maestuża u sabiħa. Fost ħafna materjal għal festi u staġuni partikulari nsibu anki r-riti tat-tberik tal-fonti u tad-dħul tas-sorijiet. Jeżisti f'iktar minn manuskritt wieħed, xi wħud interessanti anki mill-aspetti artistiċi u storiċi.

Iżda d-dokument li l-aktar jinteressana hawn hu d-*Decretum Gelasianum*: lista ta' kotba li għandhom jiġu aċċettati jew le (*"de libris recipiendis et non recipiendis"*) f'ħames partijiet. Fosthom insibu l-ismijiet tal-Kanoni tal-Bibbja, kif ukoll dawk li l-Knisja ma tqishomx ispirati. Jirreferi anki għal kitbiet "li ma nafux sewwa l-awturi tagħhom jew li m'humiex marbutin għal kollox mal-fatti". Hawn isemmi xi martri, fosthom *"Georgius"*, ovvjament il-"Megalomartri", u jkompli: "Madankollu nqimu b'kull devozzjoni mal-Knisja l-martri kollha u t-tbatijiet glorjużi tagħhom, magħrufa sew għal Alla u għall-bnedmin". Jista' jkun li traduzzjoni iktar eżatta hi: "meqjuma kif jixraq mill-bnedmin iżda li għemilhom jafu biss Alla". Din id-daqsxejn ta' sentenza tikkonferma l-importanza li l Knisja dejjem tat lill qima u l imitazzjoni ta' dawn ix-xhieda, kif tfisser etimoloġikament il-kelma Griega *"martyroi"*.

Allura ma nistagħġbux li l-Professur Conti inkluda lil dan il-papa fost il-persunaġġi madwar it-twieqi tal-bażilika tagħna, għar-riħ tal-kappella ta' San Mikiel.

# ROKNA għat-tfal

Kif intom, għeżież tfal?
Iż-żmien igerbeb u ma jistenna lil ħadd. Qisu l-bieraħ li konna qed niċċelebraw il-festa ta' San Ġorġ. Kemm kellna festa sabiħa! Kemm għaddejna mument sbieħ flimkien! Kemm smajna mużika sabiħa fil-knisja mżejna tagħna! Kemm smajna priedki sbieħ! Kemm nies iffullaw il-bażilika tagħna! Pjazza San Ġorġ kif kienet maħnuqa bin-nies li ġew minn kull rokna biex jaraw il-purċissjoni ħierġa u dieħla lura fil-knisja! Rajt ħafna minnkom jiddevertu fil-marċijiet wara li kienu jkunu preżenti fil-knisja għan-Novena u l-funzjonijiet sbieħ, li ftit tara bħalhom, naħseb! Dak issa kollu għadda u mar, u San Ġorġ reġa' sab ruħu fin-niċċa tiegħu biex minn hemmhekk jissokta jindukrana matul is-sena. Importanti li ta' kultant tmorru ssellmulu u titolbuh ħalli jżommkom tajbin.



Disinn oriġinali ta' Graziella Gambin, 2010.

Issa araw li tkomplu tgawdu s-Sajf, għax il-granet sbieħ malajr jaħarbu bla ma nindunaw. Morru għumu u ddevertu, waqt li ssibu ħin biex taqraw xi żewġ kotba tajbin biex ma tinqatgħux għal kollox mill-ħajja ta' l-istudju. Il-vaganzi jiġu biex niddevertu u nistrieħu, waqt li niċċarġjaw il-batterija qabel nerġgħu lura lejn il-bankijiet ta' l-iskola. Minn hawn nistgħu nsiru ċittadini tajbin; minn hawn irridu nħejju ruħna biex għada pitgħada nsibu xogħol tajjeb!

Dalwaqt ikollna festa oħra fil-belt Victoria, dik ta' Santa Marija, meqjuma fil-knisja Katidrali. Araw li tmorru żżuruha u titolbuha tidħol għalina, għax Marija hija l-Omm ta' kulħadd. Hija l-Avukata tagħna li tidħol għalina quddiem Binha Ġesù. Kif jikser nofs Awwissu anki t-temp jibda jhawwad xi ftit. Il-proverbju jgħid li "f'Awwissu l-baħar tibda tisma' ħossu". Il-qawl jgħidilna wkoll li "f'Awwissu l-għeneb iħallik tmissu": dan ifisser li jkun riesaq iż-żmien li jinqata' l-għeneb biex ikollna nbid ġdid. Bla dubju l-festi bdew jitgerbu wkoll u malajr insibu ma' wiċċna l-festa tal-Vitorja li tfakkarna fit-Twelid ta' Marija u fit-tifkira taż-żewġ assedji, jiġifieri dak ta' l-1565 u dak ta' l-Aħħar Gwerra. Fit-tnejn li huma l-Verġni Mbierka daħlet għalina u ġabitilna r-rebħa fuq l-għadu.

Intant, sa nħallikom hawn. Komplu gawdu s-Sajf ma' sħabkom u araw li ma tweġġgħux. Aħarbu x-xemx qalila għax din m'hi tajba għal ħadd. Obdu u agħtu daqqa t'id id-dar, u tinsewx l-għatba tal-knisja u t-talb ta' fil-għaxija.

## Kompetizzjoni

***Kompli dawn is-sitt qwiel Maltin:***

1. Aħjar kisra sewda d-dar...
2. Ħmar taqtagħlu denbu...
3. F'dar l-oħrajn la tgħid li taħseb...
4. Debba bla lġiem...
5. Dak li lagħabhielek darba...
6. Mard il-kobor...

**Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom liz-Ziju Joe, 11/"Marjos", Triq Sir Paul Boffa, Victoria VCT 2111, Għawdex. Żmien għandkom sat-Tnejn 30 ta' Awwissu 2010.** Fost dawk li jirbħu jitla' ktieb bix-xorti ġentilment mogħti mill-*Klabb Kotba Maltin.*

*Iz-Ziju Joe*

# *Nifirħu lil...*

- Noel Micallef u Lorraine Muscat, li ngħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ, nhar is-Sibt 10 ta' Lulju 2010, fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Noel hu kollaboratur ewlieni tal-bord editorjali ta' din il-pubblikazzjoni u awtur regolari tagħha.

- Anthony Zammit, membru attiv tal-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* u tal-Fondazzjoni Belt Victoria, li f'Lulju 2010 inħatar Direttur ta' l-*Iżvilupp Reġjonali Eko-Għawdex* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.



ritratt: Achilles Attard

# TISLIBA



## Mimdudin

4 Hekk jissejjaħ l-altar fl-ilsien antik tal-Knisja. (6)
7 Bla paraguni. (13)
10 Fl-Italja. (7)
12 *Leħen il-Belt Victoria* inawgura waħda ġdida. (7)
15 Disat ijiem ta' tħejjija għal xi festa. (6)
18 Diffiċli ssib isbaħ minn dak li jintrama f'San Ġorġ. (5)
19 Spiża. (5)
20 Raħal qrib ir-Rabat. (7)
22 Xarba. (5)
23 Kienu jiktbu fuqu ħafna snin ilu. (10)
25 Tal-Banda *La Stella* rikk ħafna. (7)
26 Materjal. (10)
27 Biċċa xogħol mill-isbaħ. (9)
28 Dettalji żgħar. (7)

## Weqfin

1 Strument mużikali. (6)
2 Jitpoġġa l-aktar fuq dokumenti uffiċjali. (6)
3 Hekk sar Simon f'Ġunju li għadda. (6)
5 Kien jintuża fil-funerali żmien ilu. (5)
6 Il-mużika hi espressjoni ta' dawn. (10)
8 Ktieb żgħir. (7)
9 Kunjom. (7)
11 Sefturi. (8)
13 Mument mill-isbaħ waqt il-Quddies. (7)
14 Jissejjaħ hekk San Ġorġ. (12)
16 Hawn twieled Preti. (8)
17 Isir nhar il-festa fil-għodu. (10)
21 Ammont. (7)
22 Pajjiż Ewropew. (6)
24 Xahar. (5)

**Premju:** *Aġjografija Ġorġjana*, ktieb interessanti fuq il-ħajja ta' San Ġorġ, miktub mill-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia.



**Ibagħtu t-tisliba maħduma flimkien mad-dettalji tagħkom f'dan l-indirizz: *Tisliba - Il-Belt Victoria*, Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex, jew inkella permezz ta' email lil *neville@sangorg.org*, sa mhux aktar tard mit-Tnejn 30 ta' Awwissu 2010.**
Ma jiġux aċċettati tislibiet maħduma fuq il-ġurnal stess. Ir-rebbieħ/a jitħabbar fil-ħarġa li jmiss, flimkien mar-riżultati t-tajba.

## Riżultati tat-Tisliba ta' Mejju-Ġunju 2010: Ħadd ma rebaħ din it-tisliba.

**MIMDUDIN:** 1) sommarju; 3) Malta; 6) edukaturi; 9) nobbli; 10) agrikolu; 12) Siena; 14) animatur; 16) injam; 18) kantur; 21) palk; 22) litanija; 24) dimensja; 27) Munxar; 28) altar; 29) vertikali.

**WEQFIN:** 1) Sagona; 2) rikk; 4) twil; 5) makkinarju; 7) delizzji; 8) inkredibbli; 11) ors; 13) truxa; 15) konsulenza; 17) miljun; 18) kantat; 19) Riforma; 20) Londra; 23) ammiral; 26) Ars.

# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Ġunju – Lulju 2010



*Andrew Formosa*

andrew@ilbeltvictoria.org

**Fl-ewwel jiem ta' Ġunju** tqassam mal-bulettin parrokkjali l-envelop tal-Ġabra tal-Festa, b'appell lill-parruċċani biex jgħinu fl-ispejjeż li jkollha l-bażilika għall-festa ta' San Ġorġ.

**3 ta' Ġunju**

**06.00pm:** Kull nhar ta' Ħamis, komplew fil-bażilika d-disa' Ħamisijiet ta' San Ġorġ, b'saċerdoti differenti tal-parroċċa jiġu mistiedna jmexxu l-Quddiesa u jagħmlu l-omelija fuq il-qaddis.

**6 ta' Ġunju**

**09.00am:** L-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni konventwali fis-solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddsa tal-Mulej, u wara saret purċissjoni Ewkaristika qasira sat-Tokk u lura.

**8 ta' Ġunju**

**08.00pm:** Fetħet it-tlettax-il edizzjoni tal-*Victoria International Arts Festival*, li baqa' sejjer sat-12 ta' Lulju b'kunċerti mużikali kuljum. Ħafna minnhom, fit-8.00pm, saru fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, b'eċċezzjoni ta' xi wħud li ttellgħu fil-bażilika.



**11 ta' Ġunju**

**09.00am:** Il-kapitlu u l-kleru ħa sehem f'konċelebrazzjoni solenni fis-solennità tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, li biha ngħata għal jum ta' adorazzjoni solenni fil-bażilika. B'din il-festa ġiet fi tmiemha s-Sena tas-Saċerdoti mxandra mill-Papa Benedittu XVI. L-Arċipriet Cardona kien Ruma għall-għeluq uffiċjali.

**12 ta' Ġunju**

**09.00pm:** Għadd ta' membri tal-parroċċa attendew għal velja djoċesana, miżmuma fis-Seminarju ta' Għawdex, b'talb għall-kandidati għall-ordinazzjonijiet djakonali u presbiterali, fosthom Simon M. Cachia mill-parroċċa tagħna.

**18 ta' Ġunju**

**07.00pm:** Saret il-Preżentazzjoni Uffiċjali tal-proġett tal-*Fondazzjoni Belt Victoria* għall-mużew storiku u ċentru kulturali *Il-Ħaġar – The Making of a People.* Saru diversi diskorsi, intweriet preżentazzjoni awdjo-viżiva, u kanta l-Kor tal-bażilika *Laudate Pueri.*

**20 ta' Ġunju**

**Fil-għodu:** Fetħet l-iskeda sħiħa ta' l-istazzjon tar-radju komunitarju *Leħen il-Belt Victoria* għall-ġimgħat tal-festa.

**06.30pm:** Fil-Katidral ta' l-Assunta, l-Isqof Mons. Mario Grech mexxa l-ordinazzjoni djakonali ta' Simon M. Cachia, mill-parroċċa ta' San Ġorġ, u ta' ħames seminaristi oħra tad-djoċesi, fosthom Samuel Grech li din is-sena qed jagħmel ħidma pastorali fil-parroċċa ta' San Ġorġ. Il-kor tal-bażilika, *Laudate Pueri*, kien mistieden janima din iċ-ċelebrazzjoni.

**24 ta' Ġunju**

**09.00am:** L-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni solenni fis-solennità tat-Twelid ta' San Ġwann l-Għammiedi.

**Fil-għodu:** Biex ma jissoktax ikun ta' piż żejjed għall-bini, tniżżel minn fuq il-bejt tal-bażilika għadd ta' ġebel li kien ilu hemm minn meta nħatt il-kampnar tal-lvant il-qadim, u tqiegħed temporanjament f'għalqa privata.

**25 ta' Ġunju**

**Fil-għaxija:** Mons. Jimmy Xerri, saċerdot tal-parroċċa, ħa l pussess bħala s seba' arċipriet tan-Nadur. Fil-korteo lejn il-bażilika ta' San Pietru u San Pawl kien akkumpanjat mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona.

**27 ta' Ġunju**

Mal-bulettin parrokkjali ta' dan il-Ħadd tqassam il-ktejjeb bil-programm tal-festi ta' San Ġorġ għas-sena 2010, ippubblikat mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**11.00am:** Is-saċerdot novell Dun Maximillian Grech, mill-parroċċa tal-Katidral, mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr għall-ordinazzjoni presbiterali tiegħu, fil-bażilika. Ħadu sehem ukoll fiċ-ċelebrazzjoni d-djakni Simon M. Cachia, Samuel Grech u John Meilak. Ippriedka l-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia.

**29 ta' Ġunju**

**09.00am:** L-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni solenni fis-solennità ta' San Pietru u San Pawl.

**30 ta' Ġunju**

**Fil-għaxija:** Sar *pasta night* fuq il-bejt tad-dar parrokkjali għall-abbatini u l-membri tal-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-parroċċa.



**2 ta' Lulju**
**06.00pm:** Fl-assenza ta' Mons. Emanuel Curmi, direttur tal-*Caritas* u tal-*Fondazzjoni Arka*, l-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa Quddiesa għall-persuni b'diżabbiltà minn Għawdex kollu, li fiha kkonċelebra l-Kan. Patri Serafin Borg OSA, li jinsab rikoverat f'*Dar Arka*, Għajnsielem, flimkien ma' numru ta' residenti oħra li ngabu apposta għal din il-Quddiesa. Wara saret ikla tal-festa għalihom organizzata mil-*Ladies Society* fid-dar parrokkjali.
**3 ta' Lulju**
**07.00pm:** Bdiet in-Novena ta' San Ġorġ, b'Quddiesa li għaliha kienet mistiedna l-familja Ġorġjana kollha, speċjalment it-tfal u l-adolexxenti tal-parroċċa. Tul in-Novena, fil-ħin tal-priedka, ittellgħet rappreżentazzjoni drammatika fuq il-ħajja ta' San Ġorġ bl-isem *Ħareġ rebbieħ biex jirbaħ*, miktuba mill-mibki Arċipriet emeritu Mons. Salv Borg fl-2000. In-Novena normalment saret fil-Quddiesa tas-6.00pm.
**4 ta' Lulju**
**08.30am:** L-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni konventwali li xxandret fuq *RTK*, l-istazzjon tar-radju tal-Knisja f'Malta.
**11.00am:** Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa konċelebrazzjoni solenni f'għeluq l-għaxar anniversarju mill-ftuħ ta' *Dar Leħen il-Belt Victoria*, fi Pjazza San Ġorġ, li tospita l-istudjows ta' l-istazzjon tar-radju *Leħen il-Belt Victoria*. Fi tmiemha ġiet ukoll inawgurata l-verżjoni l-ġdida tas-sit uffiċjali ta' l-istazzjon www.lbv104.com, u wara saret ikla għall-voluntiera fid-dar parrokkjali.
**8 ta' Lulju**
**10.00am:** Il-Kan. George Debrincat mexxa Quddiesa għall-morda u l-anzjani tal-parroċċa, bis-sehem tal-voluntiera ta' l-Ordni ta' San Ġwann u ta' infermiera mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, li fiha ġie amministrat is-sagrament tad-Dilka tal-Morda. Wara sar *Tombola Get-Together* fid-dar parrokkjali.
**9 ta' Lulju**
**08.30pm:** Saret l-Ikla tal-Festa fi Pjazza San Ġorġ, organizzata mis-Soċjetà Filarmonika *La Stella*.
**11 ta' Lulju**
**11.00am:** Il-Kan. Ġużeppi Sacco mexxa konċelebrazzjoni solenni ta' radd il-ħajr fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju presbiterali tiegħu. L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona għamel il-priedka, b'riflessjonijiet fuq is-saċerdozju. Ħa sehem il-Kor *Laudate Pueri* li esegwixxa diversi motetti sagri. Wara kien hemm festin fiċ-ċentru parrokkjali.
**06.00pm:** L-aħħar Quddiesa tan-Novena ntemmet bid-dramm tas-soltu, li għal dan l-aħħar jum sar wara l-Quddiesa, u li fi tmiemu ddaħħlet fil-bażilika l-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ.
**07.30pm:** Ittella' festin kbir fuq il-bejt taċ-ċentru parrokkjali għal dawk kollha li ħadu sehem fin-Novena.
**12 ta' Lulju**
**08.00pm:** Ġiet fi tmiemha t-tlettax-il edizzjoni tal-*Victoria International Arts Festival* b'kunċert sinfoniku u korali fil-bażilika, bis-sehem ta' l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali ta' Malta, tar-*Rochester Cathedral Choir* ta' l-Ingilterra, tal-Kor *Laudate Pueri* tal-bażilika u ta' diversi solisti, taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella.
**13 ta' Lulju**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla.
**08.00pm:** Sar il-ħruġ tradizzjonali ta' l-istatwa titulari ta' San Ġorġ min-niċċa.
**09.00pm:** Il-Grupp taż-Żgħażagħ *23four>>* tal-parroċċa organizza ċ-*Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana* għaż-żgħażagħ madwar l-istatwa ta' San Ġorġ. Il-laqgħa tmexxiet mid-djaknu l-ġdid tal-parroċċa Simon M. Cachia, u kellha t-tema *Bħal Ġorġi, inkunu ħbieb intimi ta' Kristu*.
**14 ta' Lulju**
**06.30pm:** Sar il-kant solenni ta' l-Għasar ta' l-ewwel jum tat-Tridu ta' San Ġorġ, mill-kapitlu tal-kolleġġjata flimkien mal-komunità Kristjana, ippresedut minn Mons. George Grima.
**07.15pm:** Saret l-ewwel priedka tat-Tridu minn Mons. George Bezzina.
**08.15pm:** Il-Kan. On. Tonio Galea, kappillan tal-Munxar, mexxa ċ-ċelebrazzjoni ta' l-innu, l-antifona u l-barka Ewkaristika.
**15 ta' Lulju**
**09.00am:** L-Arċipriet emeritu mexxa konċelebrazzjoni solenni ta' tmiem l-ewwel jum tat-Tridu.
**06.30pm:** Sar il-kant solenni ta' l-Għasar tat-tieni jum tat-Tridu ta' San Ġorġ, mill-kapitlu tal-kolleġġjata flimkien mal-komunità Kristjana, ippresedut minn Mons. Felix Tabone, vigarju parrokkjali.
**07.15pm:** Saret it-tieni priedka tat-Tridu minn Mons. George Bezzina.
**08.15pm:** Mons. Jimmy Xerri, arċipriet tan-Nadur, mexxa ċ-ċelebrazzjoni ta' l-innu, l-antifona u l-barka Ewkaristika.
**16 ta' Lulju**
**09.00am:** L-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni solenni ta' tmiem it-tieni jum tat-Tridu.
**06.30pm:** Sar il-kant solenni ta' l-Għasar tat-tielet jum tat-Tridu ta' San Ġorġ, mill-kapitlu tal-kolleġġjata flimkien mal-komunità Kristjana, ippresedut minn Mons. Alfred Xuereb.
**07.15pm:** Saret it-tielet priedka tat-Tridu minn Mons. George Bezzina.
**08.15pm:** Il-Kan. On. Joe Zammit, arċipriet tal-Qala, mexxa ċ-ċelebrazzjoni ta' l-innu, l-antifona u l-barka Ewkaristika.
**17 ta' Lulju**
**10.00am:** L-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, isqof emeritu ta' Għawdex, mexxa konċelebrazzjoni pontifikali bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru tal-bażilika, fi tmiem it-Tridu Mqaddes ta' San Ġorġ, li fi tmiemha sar il-kant tat-*Te Deum*.
**06.00pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* bdiet marċ mill-Każin *La Stella* fi Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ, fejn laqgħet lill-Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-kolleġġjata, l-E.T. Mons. Mario Grech, akkumpanjat mill-kapitlu u l-kleru.
**06.30pm:** L-Isqof Grech mexxa t-Translazzjoni solenni u ċ-ċelebrazzjoni pontifikali ta' l-Ewwel Għasar tas-solennità ta'

San Ġorġ, li fihom kien assisstit minn delegazzjoni tal-kapitlu Katidrali.
**07.45pm:** L-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa ċ-ċeleberazzjoni Ewkaristika, bil-kant ta' l-antifona u l-barka Ewkaristika.

**18 ta' Lulju**

**07.45am:** Beda marċ mill-Banda *Ite ad Josef* tal-Qala, minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ, fejn iktar tard laqgħet lill-Isqof, akkumpanjat mill-kapitlu u l-kleru.
**8.00am:** Il-kapitlu u l-kleru tal-kolleġġjata urbana akkumpanjaw proċessjonalment lill-Isqof djoċesan mill-Palazz Veskovili fi Triq ir-Repubblika sal-bażilika, fejn sar il-kant tat-Terza fis-sagristija maġġuri.
**8.20am:** Wasal l-E.T. Dr George Abela, President tar-Repubblika ta' Malta, li ġie milqugħ bid-daqq ta' l-Innu Malti mill-banda.
**08.30am:** Mons. Isqof mexxa l-pontifikal solenni ta' San Ġorġ, assistit minn rappreżentanti tal-kapitlu Katidrali, mill-kapitlu tal-kolleġġjata Lateranensi, mill-kleru tal-bażilika u minn membri oħra tal-kleru sekulari u reliġjuż. Fl-omelija l-Isqof tkellem fuq il-messaġġ li San Ġorġ għandu għall-Ewropa tal-lum. Ġiet esegwita l-*Mass in D Major "Princeps Martyrum" in honour of St George*, tal-Prof. Joseph Vella, bis-sehem ta' solisti u l-Kor *Laudate Pueri*.
**05.00pm:** Mons. Ġużeppi Attard, arċipriet tal-Katidral ta' Għawdex, iċċelebra l-aħħar Quddiesa tal-ġurnata fil-bażilika.
**06.00pm:** Mons. Giovanni Bosco Gauci, vigarju ġenerali ta' Għawdex u arċidjaknu tal-Katidral, mexxa ċ-ċelebrazzjoni solenni tat-Tieni Għasar tas-solennità, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru tal-bażilika.
**07.00pm:** Bdiet ħierġa l-purċissjoni pontifikali ta' San Ġorġ, li ntlaqgħet mill-Banda Ċittadina *La Stella* bid-daqq ta' l-innu *Georgius natus est*.
**07.15pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* sellmet l-istatwa titulari ta' San Ġorġ, il-Patrun tad-djoċesi, bl-eżekuzzjoni ta' l-innu l-kbir immortali *A San Giorgio Martire*.
**07.30pm:** Bdiet timmarċja l-purċissjoni pontifikali, din is-sena mmexxija mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru tal-bażilika, membri tal-kleru sekulari u ta' l-ordnijiet reliġjużi, is-seminaristi tad-djoċesi u l-fratellenzi tal-parroċċa. Il-Banda Ċittadina u Dekana *La Stella* akkumpanjat bid-daqq ta' innijiet reliġjużi.
**10.00pm:** L-istatwa ta' San Ġorġ intlaqgħet lura fi Pjazza San Ġorġ u bdiet dieħla fil-bażilika urbana, fost il-briju u l-kant mill-poplu Għawdxi u Malti ta' l-innu popolari *Lill-Kbir Martri San Ġorġ*.
**10.30pm:** L-Arċipriet mexxa ċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika bid-daqq ta' l-antifona u l-barka Ewkaristika. Il-purċissjoni u l-barka ġew imxandra fil-programm *Forċina*, fuq l-istazzjon televiżiv lokali *Net TV*.

**30 ta' Lulju**

**08.30pm:** Ġie organizzat BBQ għall-atturi tan-Novena ta' San Ġorġ, u bi ġbir ta' fondi b'riżq il-ħidma parrokkjali mat-tfal u l-adolexxenti, fuq il-bejt tad-dar parrokkjali.



## Presepisti Taljani mdawrin mal-Bażilika
## Żjara f'għeluq il-25 sena ta' l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex-Malta

Joe M. Attard, PRO

F'Mejju li għadda, sewwa sew bejn il-21 u t-23, għadd sabiħ ta' presepisti mill-Italja kollha għamlu żjara f'Għawdex fuq stedina ta' l-*Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex-Malta*, li din is-sena qed tagħlaq ħamsa u għoxrin sena minn twelidha. L-Għaqda ħadet ħsieb tinkariga xi wħud mill-membri tagħha biex jarmaw il-presepju tagħhom ħalli dawn it-Taljani, membri ta' l-*Associazione Italiana Amici del Presepio*, ikollhom ċans imorru jżuruh. Il-presepisti Taljani ttieħdu wkoll ġurnata Malta, waqt li f'Għawdex huma żaru mhux biss numru sabiħ ta' presepji, imma wkoll diversi postijiet ta' interess storiku. Huma ddawru mal-Bażilika ta' San Ġorġ u ngħataw tagħrif interessanti fuq l-istorja u l-opri imprezzabbli li jżejnuha, b'aċċenn speċjali għall-kwadru titulari ta' Mattia Preti, billi wħud mill-presepisti kienu ġejjin mill-Kalabrja fejn twieled dan il-kavallier u pittur ta' fama internazzjonali.





**» FESTA SAN ĠORĠ 2010 SPEĊJALI** jaqbad minn paġna 13...

**B'kuntrast ma' festi oħra, il-festa ta' San Ġorġ bniet isem kbir fost il-festi Għawdxin, li kisbitu frott l-għaqal ta' l-organizzaturi tagħha u ma sabitux lest fuq platt fil kalendarju tal festi nazzjonali, kmandati jew fissi.**







Il-Librar
MALTA

**Għalhekk, jekk forsi m'hix festa nazzjonali fis-sens strett tal-kelma, bil-ħidma tal-Bażilika ta' San Ġorġ u tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, il-lum il-festa ta' San Ġorġ hi "festa ta' nazzjon"!**

